REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/802

tal-20 ta' Mejju 2022

li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar miksija bil-kromu elettrolitiku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Brażil

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fl-24 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni kontra d-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' azzar miksija bil-kromu elettrolitiku ("ECCS") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew iċ-Ċina") u l-Brażil (flimkien "il-pajjiżi kkonċernati") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara li tressaq ilment fit-13 ta' Awwissu 2021 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("EUROFER") ("l-ilmentatur"). L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, u din kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(3) L-ilment sar f'isem il-produtturi tal-Unjoni li ġejjin: ArcelorMittal Atlantique et Lorraine (Franza), ArcelorMittal Etxebarri S.A. (Spanja) u ThyssenKrupp Rasselstein GmbH (il-Ġermanja), li allegatament jirrappreżentaw 100 % tal-industrija tal-Unjoni. Matul l-investigazzjoni, tressqet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni l-eżistenza ta' produttur addizzjonali tal-Unjoni tal-ECCS, jiġifieri Acciaierie d'Italia. Peress li l-ilmentaturi xorta waħda kienu jirrappreżentaw [85-95] % tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, l-ilment tqies li sar mill-industrija tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

1.2. Il-partijiet interessati

(4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat b'mod speċifiku lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi u lill-awtoritajiet magħrufa tar-RPĊ u l-Brażil, lill-importaturi, lill-forituri u lill-utenti magħrufa, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li kienu kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

1.3. Kummenti dwar il-bidu

(5) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar miksija bil-kromu elettrolitiku (ECCS) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Brażil (ĠU C 387, 24.9.2021, p. 2).

(6) L-Assoċjazzjoni Ċiniża tal-Ħadid u l-Azzar ("is-CISA") ressqet kummenti wara l-bidu fil-5 ta' Novembru 2021. Barra minn hekk, is-CISA flimkien ma' Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., China u ma' GDH Zhongyue (Zhongshan) Tinplate Industry Co., Ltd. talbu seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni. Dawn għamlu tali talbiet sal-iskadenzi stipulati u s-seduta saret fl-24 ta' Jannar 2022.

(7) Fis-sottomissjoni tagħhom u matul is-seduta ta' smigħ, huma sostnew, fost l-oħrajn, li l-ilment kien jiddependi wisq fuq informazzjoni kunfidenzjali, speċjalment fir-rigward tal-kostijiet użati, u li għalhekk il-verżjoni mhux kunfidenzjali ma kinitx biżżejjed biex tippermetti fehim xieraq tal-evidenza sottostanti għall-ilment.

(8) Il-Kummissjoni qieset li l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati kien fiha l-evidenza essenzjali kollha u sommarji mhux kunfidenzjali tad-*data* kunfidenzjali sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jeżerċitaw kif xieraq id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

1.4. **Kampjunar**

(9) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.4.1. *Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(10) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hi kienet għażlet proviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Madankollu, minħabba l-għadd żgħir ta' produtturi fl-Unjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat kwestjonarji lill-produtturi kollha tal-Unjoni magħrufa dak iż-żmien.

(11) Il-produtturi tal-Unjoni li ġejjin intalbu jimlew il-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni u pparteċipaw fl-investigazzjoni:

— ArcelorMittal Atlantique et Lorraine, Franza

— ArcelorMittal Etxebarri S.A., Spanja

— ThyssenKrupp Rasselstein GmbH, il-Ġermanja

(12) Kif spjegat fil-premessa (3) hawn fuq, matul l-investigazzjoni, l-eżistenza ta' produttur terz tal-Unjoni tressqet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Billi l-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw kienu jirrappreżentaw [85-95] % tal-produzzjoni u l-bejgħ totali tal-prodott li qed jiġi investigat fil-perjodu ta' investigazzjoni, fis-16 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni ħarġet nota fil-fajl fejn informat lill-partijiet interessati li hija ddeċidiet li tillimita l-investigazzjoni għal dawn il-produtturi f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku u stiednet lill-partijiet biex jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment.

1.4.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(13) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi li ma humiex relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(14) Importatur wieħed biss li ma hux relatat ipprovda din l-informazzjoni. Għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' kampjunar ta' importaturi li ma humiex relatati. Madankollu, dan l-importatur li ma hux relatat iddeċieda li ma jipprovdix tweġiba għall-kwestjonarju. Għaldaqstant, l-ebda importatur li ma hux relatat ma kkoopera f'din l-investigazzjoni.

1.4.3. *Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fil-PRC u l-Brażil*

(15) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufa kollha fil-PRC u l-Brażil sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-RPĊ għall-Unjoni Ewropea u lill-Missjoni tal-Brażil għall-Unjoni Ewropea sabiex jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw lil produtturi esportaturi oħra, jekk kien hemm, li setgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(16) Fir-rigward tar-RPĊ, erba' produtturi esportaturi taw l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' kien raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun.

(17) Fir-rigward tal-Brażil, produttur esportatur wieħed biss, li jirrappreżenta virtwalment l-importazzjonijiet kollha mill-Brażil, ta l-informazzjoni mitluba u qabel li jkun inkluż fil-kampjun. Għaldaqstant il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx meħtieġ il-kampjunar.

1.5. **Eżaminazzjoni individwali**

(18) Produttur esportatur fiċ-Ċina (GDH Zhongyue (Zhongshan) Tinplate Industry Co., Ltd.) talab eżaminazzjoni individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku u pprovda kwestjonarju fiż-żmien stipulat. Il-Kummissjoni qieset li eżaminazzjoni ta' din it-talba matul l-istadju proviżorju tal-investigazzjoni kien ikun ta' piż bla bżonn, speċjalment peress li kien hemm kontroverifiki mill-bogħod li għandhom jiġu organizzati għal żewġ pajjiżi u wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kellu diversi sussidjarji li jinsabu fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk tagħmilx eżaminazzjoni individwali fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

1.6. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika**

(19) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fil-PRC skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GOC").

(20) Barra minn hekk, fl-ilment l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza ta' distorsjonijiet tal-materja prima fiċ-Ċina fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat. Għalhekk, kif tħabbar fin-Notifika ta' Bidu, l-investigazzjoni kopriet dawk id-distorsjonijiet fil-materja prima biex tiddetermina jekk għandhomx jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) u l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku fir-rigward taċ-Ċina. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju addizzjonali f'dan ir-rigward lill-gvern taċ-Ċina.

(21) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lit-tliet produtturi tal-Unjoni, lill-ilmentatur, lil importatur li ma hux relatat u utenti magħrufa, u lill-tliet produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([3]) fil-jum tal-bidu.

(22) Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tal-miżuri tal-lockdown stabbiliti minn diversi Stati Membri kif ukoll minn diversi pajjiżi terzi, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku. Minflok, il-Kummissjoni kontroverifikat mill-bogħod l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjonijiet proviżorji tagħha f'konformità mal-Avviż tagħha dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji ([4]).

(23) Il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod tal-kumpaniji/tal-partijiet li ġejjin:

(a) Produtturi tal-Unjoni

— ArcelorMittal Atlantique et Lorraine, Franza

— ArcelorMittal Etxebarri S.A., Spanja

— ThyssenKrupp Rasselstein GmbH, il-Ġermanja

(b) Produtturi esportaturi

Fil-PRC:

— Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., China ("Baosteel")

— Handan Jintai Packing Material Co., Ltd, iċ-Ċina ("Jintai")

Fil-Brażil:

— Companhia Siderúrgica Nacional, il-Brażil ("CSN")

([3]) Disponibbli fuq https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2549.

([4]) ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6.

1.7. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(24) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(25) Il-prodott ikkonċernat huwa prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, miksijin jew mgħottijin b'ossidi tal-kromu jew bi kromu u ossidi tal-kromu li joriġinaw mill-PRC u mill-Brażil, u li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet CN 7210 50 00 u 7212 50 20 ("il-prodott ikkonċernat").

(26) L-ECCS jintużaw f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, tipikament għall-imballaġġ tal-konsumatur u dak industrijali. Dan jintuża l-aktar spiss għall-imballaġġ tal-ikel, pereżempju fil-wiċċ u l-qiegħ tal-važetti tal-landa, fit-tappijiet bil-kamin, fit-tabs, eċċ. Tipi oħra ta' użi jinkludu partijiet esterni għall-apparat tad-dar, kontenituri ta' films fotografiċi, materjal protettiv għall-protezzjoni tal-fibra ottika jew partijiet elettriċi u elettroniċi oħra.

2.2. **Prodott simili**

(27) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-PRC u tal-Brażil; u

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(28) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Reġistrazzjoni**

(29) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni kontra d-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni dment li ma jkollhiex biżżejjed evidenza skont it-tifsira tal-Artikolu 5 li r-rekwiżiti taħt l-Artikolu 10(4)(c) jew l-Artikolu 10(4)(d) ma ġewx issodisfati.

(30) Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, kif indikat fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, huwa li addizzjonalment għal-livell tal-importazzjonijiet li jkunu kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkun hemm żieda sostanzjali oħra fl-importazzjonijiet. Kif jidher fit-Tabella 1, l-importazzjonijiet tal-ECCS li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati wrew tnaqqis ta' 8 % fl-erba' xhur wara l-bidu meta mqabbla mal-perjodu ta' investigazzjoni ("PI"), li kien il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

(31) Iċ-ċifri kollha huma ppreżentati f'forma indiċjata jew mogħtija bħala firxiet biex jipproteġu d-*data* kunfidenzjali pprovduta mit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, li tnejn minnhom jappartjenu għall-istess grupp.

Tabella 1

	Il-perjodu ta' investigazzjoni	Medja ta' kull xahar tal-perjodu ta' investigazzjoni	Ottubru 2021-Jannar 2022	Medja ta' kull xahar ta' Ottubru 2021-Jannar 2022
Importazzjonijiet mill-Brażil fl-UE	[13 000–16 000]	[1 200–1 300]	[8 000-9 000]	[2 000-3 000]
Importazzjonijiet miċ-Ċina fl-UE	[64 000-75 000]	[5 500-6 500]	[15 000-18 000]	[4 000-5 000]

Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fl-UE	[77 000-91 000]	[6 500-7 500]	[23 000-27 000]	[6 000-7 000]

Sors: il-Eurostat u l-bażi tad-*data* Surveillance.

(32) Peress li fil-fajl ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ECCS kif definiti fil-premessa (25) ta' hawn fuq huma soġġetti għal varjazzjonijiet staġunali, il-Kummissjoni ma qisitx li kien meħtieġ li tqabbel ukoll il-livell tal-importazzjonijiet matul il-perjodu minn Ottubru 2021 sa Jannar 2022 mal-livell tal-importazzjonijiet matul l-istess xhur fis-sena ta' qabel. Id-*data* tal-importazzjoni wara l-bidu tqabblet mal-importazzjonijiet medji ta' kull xahar mill-pajjiżi kkonċernati għal 4 xhur fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(33) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (140) hawn taħt, il-Kummissjoni ddeċidiet li takkumula l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati għall-finijiet tal-analiżi deskritta fil-premessi ta' hawn fuq. Kif turi t-tabella ta' hawn fuq, l-importazzjonijiet akkumulati mill-pajjiżi kkonċernati ma wrewx żieda sostanzjali oħra wara l-PI.

(34) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati.

3. **DUMPING**

3.1. **Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

3.1.1. *Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku*

(35) Fid-dawl tal-evidenza disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li tindika l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tibda l-investigazzjoni wara li kkunsidrat l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(36) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-*data* neċessarja għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika ta' Bidu l-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-inputs użati għall-produzzjoni tal-ECCS. Żewġ produtturi esportaturi preżentaw l-informazzjoni rilevanti.

(37) Barra minn hekk, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, iressqu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GOC u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel l-iskadenza.

(38) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, din jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni.

(39) Fit-12 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni infurmat b'nota fil-fajl (iktar 'il quddiem "l-Ewwel Nota") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża biex tiddetermina l-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħall-materja prima, ix-xogħol u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-ECCS. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla tal-prezzijiet jew tal-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat il-Brażil, il-Kolombja, il-Messiku, it-Tajlandja u t-Turkija bħala pajjiżi rappreżentattivi xierqa possibbli. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-Ewwel Nota mingħand is-CISA u Baosteel. Dawn il-kummenti kkonfermaw lill-Brażil jew lit-Turkija bħala pajjiżi rappreżentattivi xierqa possibbli.

(40) Fis-6 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati permezz tat-tieni nota fil-fajl (iktar 'il quddiem "it-Tieni Nota") dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża biex tiddetermina l-valur normali, bil-Brażil bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Infurmat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("kostijiet SG&A") u l-profitti abbażi tal-informazzjoni disponibbli minnufih għall-kumpanija CSN, l-uniku produttur magħruf tal-ECCS fil-Brażil.

(41) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar it-Tieni Nota mingħand is-CISA u Baosteel. It-tnejn li huma ma qablux li l-prezzijiet domestiċi tal-azzar illaminat bis-sħana u tal-azzar illaminat bil-kesħa tal-Brażil jistgħu jintgħażlu bħala prezzijiet rappreżentattivi peress li kienu għoljin b'mod anormali. Dan l-argument jiġi indirizzat fil-premessi (91) u (92).

3.1.2. *Valur normali*

(42) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, *"[i]l-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ minn klijenti indipendenti mill-pajjiż esportatur"*.

(43) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, *"[f]il-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali"* minn hawn 'il quddiem "SG&A").

(44) Kif spjegat aktar hawn taħt, il-Kummissjoni kkonkludiet fl-investigazzjoni preżenti li, fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.1.3. *L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(45) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-azzar fil-PRC ([5]) - bl-azzar ikun il-fattur ewlieni tal-produzzjoni għall-ECCS - il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. F'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa wkoll.

(46) F'dawn l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali mill-gvern fir-RPĊ li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi skont il-prinċipji tas-suq ([6]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-azzar, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat, mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku ([7]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti torrijiet tar-riħ tal-azzar fuq skala utilitarja li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 tas-16 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi wweldjati tal-ħadid jew tal-azzar bil-karbonju li joriġinaw mill-Belarussja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 tas-7 ta' April 2020 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indoneżja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan.

([6]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessi 206-208, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessa 135, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 149-150, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 l-premessi 158-159.

([7]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessa 192, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 58-61, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 115-118 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 l-premessi 122-127.

tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku ([8]). Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fil-PRC tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GOC, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([9]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod partikolari meta jiġu miżmuma ħajjin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fil-PRC ([10]). Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-azzar fis-sens tal-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([11]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fil-PRC ([12]).

(47) L-ilment f'dan il-każ irrefera għar-Rapport, b'mod partikolari għas-sejbiet dwar is-settur tal-azzar b'mod ġenerali; għall-għadd kbir ta' SOEs fis-settur tal-azzar; il-gwida għall-iżvilupp tal-industrija mill-Istat (pereżempju d-deċiżjoni taċ-Ċina li tikkonsolida l-industrija tal-azzar sal-2025); il-preżenza ta' ċelloli tas-CCP f'intrapriżi li jipproduċu l-azzar; u diversi dokumenti ta' ppjanar u ta' gwida dwar is-settur tal-azzar. Barra minn hekk, l-ilment elenka distorsjonijiet speċifiċi fil-materja prima użata għall-produzzjoni tal-ECCS: azzar ċatt illaminat bis-sħana ("HRFS"), kromu, mineral tal-ħadid u kokk. Dawn ir-referenzi kienu jinkludu, fir-rigward tal-HRFS, is-sejbiet f'investigazzjoni reċenti kontra s-sussidji fis-settur ([13]), u s-sejbiet fir-Rapport Ministerjali tal-G20 mill-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar. Dwar il-kromu, l-ilment speċifika li t-13-il Pjan ta' 5 Snin (2016-2020) għar-Riżorsi Minerali jirregola l-kromu, li huwa elenkat bħala element "strateġiku". Barra minn hekk, l-ilment jispjega li l-Katalogu tal-Oġġetti taħt il-Liċenzji tal-Esportazzjoni mill-Ministeru tal-Kummerċ tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("MOFCOM") jinkludi ferrokromu, kromu mhux maħdum, kromu tat-trab, ruttam tal-kromu u kromu ieħor u l-prodotti tiegħu fil-lista għall-prodotti soġġetti għal-liċenzji tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, l-ilment kien jinkludi informazzjoni dwar id-dazji tal-esportazzjoni fuq il-kromu, il-mineral tal-ħadid u l-kokk li għandhom effett ta' distorsjoni fuq il-prezzijiet.

([8]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessi 193-194, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 62-66, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 119-122 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 l-premessi 128-132: Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal kruċjali tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet tan-negozju. Skont il-liġi tal-kumpaniji tal-PRC, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, minn tal-anqas l-2016, is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati sabiex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u sabiex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar sabiex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-vireg tal-wajer u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

([9]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessa 195-201, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 123-129 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 il-premessi 133-138.

([10]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessa 202, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessa 75, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 130-133 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 il-premessi 139-142.

([11]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessa 203, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessa 76, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 134-135 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 il-premessi 143-144.

([12]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessa 203, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessa 76, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 136-145 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 il-premessi 145-154.

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L146, 9.6.2017, p. 17).

(48) F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fil-PRC, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fir-Rapport, li hija bbażata fuq sorsi pubblikament disponibbli. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott li qed jiġi investigat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fil-PRC.

(49) Speċifikament fis-settur tal-azzar, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat, għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ. Ħafna mill-akbar produtturi tal-azzar huma proprjetà tal-Istat. Pereżempju, il-produttur esportatur fil-kampjun Baosteel huwa intrapriża Ċiniża ewlenija tal-Istat li hija involuta fil-manifattura tal-azzar u hija parti miċ-China Baowu Steel Group Co. Ltd. (preċedentement Baosteel Group u Wuhan Iron & Steel) li ġiet ikkonsolidata reċentement, li fl-aħħar mill-aħħar hija 100 % tas-SASAC ċentrali ([14]). Baowu bħalissa għandha wkoll 62,7 % tal-ishma fl-intrapriża tal-istat kbira tal-azzar l-oħra Shanxi Taiyuan Iron & Steel Co. Ltd. ("Tisco"), li jwassal biex is-SASAC ċentrali tkun l-azzjonista kontrollanti tagħha, b'riżultat tat-trasferiment bla ħlas ta' 51 % tal-ishma f'TISCO mis-SASAC tal-Provinċja ta' Shanxi lil Baowu f'Awwissu 2020 ([15]). Filwaqt li l-qasma nominali bejn in-numru ta' SOEs u kumpaniji bi sjieda privata hija stmata li hija kważi ugwali, erba' mill-ħames produtturi tal-azzar Ċiniżi kklassifikati mal-ewwel għaxra bħala l-akbar produtturi tal-azzar fid-dinja huma SOEs ([16]). Fl-istess ħin, filwaqt li fl-2016, l-aqwa għaxar produtturi kienu jirrappreżentaw biss madwar 36 % tal-produzzjoni totali tal-industrija, il-gvern taċ-Ċina stabbilixxa l-mira fl-istess sena li jikkonsolida bejn 60 % u 70 % tal-produzzjoni tal-azzar f'madwar għaxar intrapriżi fuq skala kbira sal-2025 ([17]). Din l-intenzjoni ġiet ripetuta mill-GOC f'April 2019, meta ħabbar il-ħruġ ta' linji gwida dwar il-konsolidazzjoni tal-industrija tal-azzar ([18]). Tali konsolidazzjoni tista' tinvolvi fużjonijiet furzati ta' kumpaniji privati profittabbli ma' SOEs bi prestazzjoni baxxa ([19]).

(50) Barra minn hekk, fis-settur tal-azzar, ħafna mill-akbar produtturi huma msemmija speċifikament fil-"Pjan ta' Aġġustament u Titjib tal-Industrija tal-Azzar għall-2016-2020". Pereżempju, Tisco ssemmi fuq is-sit web tagħha li hija "*kumpanija kbira tal-ħadid u tal-azzar*", li "*żviluppat f'kumpless straordinarju tal-ħadid u tal-azzar fuq skala kbira, li huwa integrat man-negozju tal-estrazzjoni tal-ħadid, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-forniment u n-negozjar tal-ħadid u tal-azzar*" ([20]).

(51) Fir-rigward tal-fatt li l-gvern taċ-Ċina jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat f'ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni żvelat l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi tal-prodott ikkonċernat u s-CCP, bħal membri tas-CCP fost il-maniġment superjuri jew membri tal-bord tad-diretturi fil-manifatturi ewlenin tal-ECCS, jiġifieri Baosteel u Jintai. L-eżistenza ta' konnessjonijiet personali mas-CCP fost il-maniġment tista' tiġi stabbilita wkoll għas-CISA (il-President Eżekuttiv huwa fl-istess ħin is-Segretarju tal-Partit). Sabiex jingħata eżempju speċifiku, il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Baowu jservi fl-istess ħin bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Partit bil-Maniġer Ġenerali li jservi wkoll bħala Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([21]). Bl-istess mod, il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Baosteel għandu l-pożizzjoni tas-segretarju tal-Kumitat tal-Partit filwaqt li l-Maniġer Eżekuttiv huwa l-Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([22]). Din ix-xejra hija applikabbli wkoll għall-intrapriżi privati. F'Jintai, il-President tal-bord iservi

([14]) Baowu, "Il-profil tal-kumpanija", http://www.baowugroup.com/en/contents/5273/102759.html (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021)

([15]) Ara 202041312652.pdf (sohu.com), aċċessat l-aħħar fis-7 ta' April 2022.

([16]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 14, p. 358: 51 % kumpaniji privati u 49 % SOEs f'termini ta' produzzjoni u 44 % SOEs u 56 % kumpaniji privati f'termini ta' kapaċità.

([17]) Disponibbli fuq:
www.gov.cn/zhengce/content/2016-02/04/content_5039353.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021);
https://policycn.com/policy_ticker/higher-expectations-for-large-scale-steel-enterprise/?iframe=1&secret=c8uthafuthefra4e (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021), u
www.xinhuanet.com/english/2019-04/23/c_138001574.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).

([18]) Disponibbli fuq http://www.xinhuanet.com/english/2019-04/23/c_138001574.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021) u http://www.jjckb.cn/2019-04/23/c_137999653.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).

([19]) Kif kien il-każ tal-fużjoni bejn il-kumpanija privata Rizhao u l-SOE Shandong Iron and Steel fl-2009. Ara r-rapport ta' Beijing steel, p. 58, u s-sehem ta' maġġoranza akkwistat ta' China Baowu Steel Group f'Magang Steel f'Ġunju 2019, ara https://www.ft.com/content/a7c93fae-85bc-11e9-a028-86cea8523dc2 (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).

([20]) TISCO, "Il-profil tal-kumpanija", http://en.tisco.com.cn/CompanyProfile/20151027095855836705.html (ikkonsultat l-aħħar fit-2 ta' Marzu 2020).

([21]) Ara s-sit web tal-grupp, disponibbli fuq: http://www.baowugroup.com/about/board_of_directors (aċċessat fit-28 ta' Marzu 2022).

([22]) Ara s-sit web tal-kumpanija, disponibbli fuq: https://www.baosteel.com/about/manager (aċċessat fit-28 ta' Marzu 2022)

fl-istess ħin ta' Membru tal-Kungress tal-Poplu tal-provinċja ta' Hebei. B'mod aktar ġenerali, fid-dawl tal-applikabbiltà ġenerali tal-leġiżlazzjoni dwar il-preżenza tas-CCP fil-kumpaniji, jista' jiġi konkluż b'mod sikur li l-kapaċità li l-gvern taċ-Ċina jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet permezz ta' preżenza tal-Istat fid-ditti hija sinifikanti fis-settur tal-azzar b'mod ġenerali, kif ukoll speċifikament għall-produtturi esportaturi koperti f'din l-investigazzjoni.

(52) Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tal-ECCS huma soġġetti għal superviżjoni u gwida tal-politika. L-eżempji li ġejjin juru x-xejra msemmija hawn fuq ta' livell ta' intervent min-naħa tal-GOC li qed jiżdied fis-settur tal-ECCS. Il-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni jenfasizzaw b'mod espliċitu l-attivitajiet ta' bini tal-partit fuq is-siti web tagħhom, għandhom membri tal-partit fil-maniġment tal-kumpanija u jissottolinjaw l-affiljazzjoni tagħhom mas-CCP. L-investigazzjoni żvelat attivitajiet ta' bini tal-partit f'Baosteel. Is-sit web uffiċjali jsemmi li hemm 301 kumitati tac-CCP u 85 437 membru tac-CCP fiċ-China Baowu Group ([23]) (il-kumpanija azzjonarja ta' Baosteel). Barra minn hekk, il-grupp jindika dan li ġej dwar il-bini tac-CCP fl-intrapriża: "*It-tishiħ tal-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit permezz tat-titjib tal-governanza korporattiva, it-titjib tas-sistema moderna tal-intrapriżi. China Baowu timplimenta bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-'Opinjonijiet dwar it-Tishiħ tat-Tmexxija tal-Partit fit-Titjib tal-Governanza Korporattiva tal-Intrapriżi Ċentrali'*, [...] *Is-sistema riveduta u mtejba tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal kwistjonijiet ewlenin kompliet ittejjeb l-awtorità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumitat tal-Partit, il-bord tad-diretturi, il-maniġers u korpi oħra ta' governanza, il-kwistjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-formoli awtorizzati mill-bord tad-diretturi* [...]. [...] *Baowu tosserva u timplimenta l-ippjanar simultanju tal-bini tal-Partit u r-riforma tal-intrapriżi, l-istabbiliment simultanju ta' organizzazzjonijiet tal-Partit u entitajiet operazzjonali, l-allokazzjoni simultanja ta' persuni responsabbli mill-organizzazzjonijiet tal-Partit u persunal tal-affarijiet tal-Partit* ([24])." Il-kumpanija Baosteel tiddeskrivi l-attivitajiet ta' bini tas-CCP kif ġej: "*Nieħdu r-responsabbiltà ewlenija ta' amministrazzjoni tal-partit b'mod strett u komprensiv; Immexxu l-ħidma ideoloġika u politika tal-kumpanija, b'ħidma fi front magħqud, filwaqt li nibnu ċiviltà spiritwali, nibnu kultura korporattiva u ħidma tal-massa bħal trade unions u l-Lega Komunista taż-Żgħażagħ; Immexxu l-kostruzzjoni ta' stil tal-partit u ta' gvern onest, insostnu l-kumitati tad-dixxiplina sabiex iwettqu b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet superviżorji tagħhom* ([25])".

(53) Barra minn hekk, fis-settur tat-ECCS hemm stabbiliti politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(54) L-industrija tal-azzar, li hija l-komponent ewlieni għall-produzzjoni tal-ECCS, hija meqjusa bħala industrija ewlenija mill-GOC ([26]). Dan huwa kkonfermat fil-bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħra ffokati fuq l-azzar, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali, bħall-"Pjan għall-Aġġustament u t-Titjib tal-Industrija tal-Azzar għas-snin 2016-2020". Dan il-Pjan jiddikjara li l-industrija tal-azzar hija "*settur importanti u fundamentali tal-ekonomija Ċiniża, pedament nazzjonali*" ([27]). Il-kompiti u l-objettivi ewlenin stabbiliti f'dan il-Pjan ikopru l-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-industrija ([28]).

(55) It-13-il Pjan ta' Ħames Snin dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali ([29]) jipprevedi appoġġ għall-intrapriżi li jipproduċu tipi ta' prodotti tal-azzar ta' livell għoli ([30]). Dan jiffoka wkoll fuq il-kisba ta' kwalità, durabbiltà u affidabbiltà tal-prodotti permezz ta' sostenn lill-kumpaniji li jużaw teknoloġiji relatati mal-produzzjoni tal-azzar pur, l-irrumblar bi preċiżjoni u t-titjib fil-kwalità ([31]).

(56) Ir-"Repertorju ta' Riferiment għar-Ristrutturar tal-Industrija (Verżjoni tal-2019)" ([32]) approvat bid-Digriet tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 29 tas-27 ta' Awwissu 2019, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020 ("ir-Repertorju") jelenka l-azzar bħala industrija promossa.

([23]) http://www.baowugroup.com/party_building/overview
([24]) *Ibidem*
([25]) Ara l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni ta' Baosteel, l-Artikolu 133.4: http://static.sse.com.cn//disclosure/listedinfo/announcement/c/2021-01-08/600019_20210108_8.pdf (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).
([26]) Ir-Rapport, il-Parti III, il-Kapitolu 14, p. 346 ff.
([27]) Introduzzjoni għall-Pjan għall-Aġġustament u t-Titjib tal-Industrija tal-Azzar.
([28]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 14, p. 347.
([29]) It-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (2016-2020), disponibbli fuq https://en.ndrc.gov.cn/newsrelease_8232/201612/P020191101481868235378.pdf (ikkonsultat l-aħħar fit-2 ta' Marzu 2020).
([30]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 14, p. 349.
([31]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 14, p. 352.
([32]) "Ir-Repertorju ta' Riferiment għar-Ristrutturar tal-Industrija (Verżjoni tal-2019)" approvat bid-Digriet tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 29 tas-27 ta' Awwissu 2019 http://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf, aċċessat l-aħħar fil-11 ta' April 2022.

(57) Il-GOC jiggwida ulterjorment l-iżvilupp tas-settur f'konformità ma' firxa wiesgħa ta' għodod ta' politika u direttivi relatati ma', *inter alia*, il-kompożizzjoni u r-ristrutturar tas-suq, il-materja prima, l-investiment, l-eliminazzjoni tal-kapaċità, il-firxa ta' prodotti, ir-rilokazzjoni, l-aġġornament, eċċ. Permezz ta' dawn il-mezzi u mezzi oħra, il-GOC jidderieġi u jikkontrolla prattikament kull aspett fl-iżvilupp u l-funzjonament tas-settur ([33]). Il-problema attwali tal-kapaċità żejda x'aktarx hija l-aktar eżempju ċar tal-implikazzjonijiet tal-politiki tal-GOC u tad-distorsjonijiet li jirriżultaw.

(58) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ sabiex jikkonvinċi lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jiġu appoġġati l-industriji inċentivati, inkluż il-produzzjoni tal-azzar bħala l-materja prima ewlenija użata fil-manifattura tal-ECCSs. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

(59) L-investigazzjoni attwali ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku fis-settur tat-ECCS imsemmi hawn fuq fil-premessa (46) ma jaffettwawx lill-manifatturi tal-prodott li qed jiġi investigat.

(60) Is-settur tat-ECCS huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (46). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat jew tal-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (meta jkun hemm aċċess għall-kapital jew għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema ta' xogħol fir-RPĊ) ([34]).

(61) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur tat-ECCS ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (46). Għalhekk, l-intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal sabiex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li ż-żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun kellhom ammonti sinifikanti ta' self pendenti minn selliefa Ċiniżi matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(62) Fil-fatt, matul l-investigazzjoni ġie żvelat li l-produtturi tal-ECCS jibbenefikaw minn appoġġ addizzjonali mill-gvern. Pereżempju, waħda mill-kompaniji inklużi fil-kampjun, Jintai, tinsab fil-lista tal-intrapriżi ta' Hebei Province 2020 High Tech Enterprises (it-tieni lott). Speċifikament, din il-kumpanija hija n-numru 4 fuq il-lista ([35]), jiġifieri tingħata trattament u appoġġ speċjali mill-gvern. Barra minn hekk, it-13-il FYP 2016-2020 tal-provinċja ta' Hebei kien fih għadd ta' dispożizzjonijiet li jappoġġaw is-settur tal-azzar: *"It-trawwim tal-pilastri tal-iżvilupp u l-innovazzjoni: [Hebei għandha] toħloq serje ta' intrapriżi ewlenin innovattivi fil-qasam tal-industrija, [Hebei għandha] tiffoka fuq mitt intrapriża ewlenija u tagħmel l-aħjar użu mill-forza mexxejja innovattiva tagħhom fl-industriji kompetittivi, tappoġġa l-isforzi tagħhom biex iżidu l-input tar-riċerka u l-iżvilupp, […]. [Hebei għandha] tappoġġa intrapriżi ewlenin f'industriji bħall-azzar, it-tagħmir, il-materjali tal-kostruzzjoni, il-farmaċewtiċi, is-sustanzi kimiċi, il-prodotti tal-ikel"*. L-14-il FYP 2021-2025 (Jintai Packaging jinsab f'Hebei) jipprevedi dan li ġej: *"It-tisħiħ tal-pożizzjoni ewlenija tal-industriji kompetittivi: industrija tal-azzar: […] tippromwovi t-trasformazzjoni u t-titjib tal-impjanti tal-azzar fiż-żona urbana ewlenija. […] issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fil-kapaċità tal-produzzjoni, tiffoka fuq il-kostruzzjoni ta' Tangshan, gruppi tal-industrija tal-azzar ta' kwalità għolja ta' Handan,"* Barra minn hekk, l-14-il FYP ta' Hebei dwar industriji strateġiċi u emerġenti 2021-2025 jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jappoġġaw l-azzar: *"L-iżvilupp vigoruż ta' materjali avvanzati tal-azzar għal prodotti ta' kwalità għolja bħall-azzar għal partijiet bażiċi, l-azzar għal għodod u forom, l-azzar tal-baħar bi prestazzjoni għolja, l-azzar għall-bearings, l-azzar tal-pipeline avvanzat, it-trab tal-metall għall-manifattura addittiva"*.

(63) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni fakkret li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott li qed jiġi investigat, huma meħtieġa għadd ta' inputs addizzjonali minbarra l-azzar. Meta l-produtturi tal-prodott li qed jiġi investigat jixtru jew jikkuntrattaw għal dawn l-inputs, inkluż l-azzar, il-prezzijiet li jitħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tal-produtturi) huma esposti għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet imsemmija qabel; huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital; u huma soġġetti għas-sistema ta' pjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

([33]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 14, p. 375 – 376.

([34]) Ara l-premessi 134-135 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 143-144 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508.

([35]) Il-lista sħiħa disponibbli fil-link li ġej: https://view.officeapps.live.com/op/view.aspx?src=https%3A%2F%2Fkjt.hebei.gov.cn%2Fwww%2Fxwzx15%2Ftzgg35%2Fsttz15%2F227382%2F20201020095236552l8.doc&wdOrigin=BROWSELINK

(64) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott li qed jiġi investigat ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-formazzjoni tal-prezzijiet tal-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) hija wkoll affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet A u B tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi min-naħa tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fil-PRC kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fil-PRC permezz tat-taħlita ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

(65) Fil-kummenti tagħha dwar l-Ewwel Nota, is-CISA preżentat għadd ta' kummenti, li kienu appoġġati u approvati wkoll minn sottomissjoni minn Baosteel. L-ewwel, is-CISA ddikjarat li l-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-Dumping ("ADA") ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-Artikolu 2.2 tal-ADA, li jippermetti biss il-bini tal-valur normali jekk ma jkun hemm l-ebda bejgħ fil-perkors ordinarju tal-kummerċ. Is-CISA osservat li dan l-Artikolu ma jsemmix distorsjonijiet sinifikanti li jippermettu l-bini tal-valur normali. It-tieni, is-CISA ddikjarat li kwalunkwe valur maħdum ikun jeħtieġ li jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA u mal-interpretazzjoni tal-Korp tal-Appell tad-WTO mogħtija fil-każ *EU – Biodiesel*, kif ukoll mill-bord tad-WTO fil-każ (DS494) *EU - Cost Adjustment Methodologies II (Russia)*, li ma jsemmux il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti u lanqas il-possibbiltà li tiġi injorata d-*data* tal-kumpanija li tesporta.

(66) Il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) huma konsistenti b'mod sħiħ mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea u mal-ġurisprudenza ċċitata mis-CISA. L-ewwel nett, ma hemmx bżonn li l-Membri tad-WTO jużaw it-termini eżatti tal-Ftehimiet tad-WTO fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħhom. Għalhekk, l-użu tal-kunċett "distorsjonijiet sinifikanti" mill-Unjoni ma jiġix ristrett mill-fatt li bħala tali ma jokkorrix fil-Ftehim dwar l-Anti-dumping tad-WTO. Minbarra dan, hija l-fehma tal-Kummissjoni li, skont id-deċiżjoni tal-Bord tad-WTO u l-Korp tal-Appell f'*EU – Biodiesel* (DS473), id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku li japplikaw b'mod ġenerali fir-rigward tal-Membri kollha tad-WTO, bħall-Artikolu 2(5), it-tieni subparagrafu, jippermettu l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, aġġustata kif xieraq meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa għall-bini tal-valur normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Artikolu 2(6a) jipprevedi l-bini tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ abbażi ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inklużi dawk f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

(67) Fir-rigward tal-każ (DS 494) *EU - Cost Adjustment Methodologies II (Russia)*, il-Kummissjoni tfakkar li kemm l-UE kif ukoll il-Federazzjoni Russa appellaw is-sejbiet tal-Bord, li mhumiex finali u għalhekk, skont il-każistika permanenti tad-WTO, ma għandhom l-ebda status legali fis-sistema tad-WTO, peress li dawn ma ġewx approvati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim permezz ta' deċiżjoni mill-Membri tad-WTO. Fi kwalunkwe każ, ir-Rapport tal-Bord f'din it-tilwima kkunsidra speċifikament id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku bħala barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-tilwima. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(68) It-tieni, is-CISA ddikjarat li hemm nuqqas ta' evidenza fir-rigward tal-allegati "distorsjonijiet sinifikanti" fir-rigward tal-industrija Ċiniża tal-ECCS. Skont is-CISA, ir-rapport taċ-Ċina użat mill-Kummissjoni naqas milli jissodisfa l-istandards ta' evidenza imparzjali u oġġettiva u evidenza ta' valur probatorju suffiċjenti. Barra minn hekk, is-CISA ddikjarat li peress li r-rapport taċ-Ċina ġie ppubblikat fl-2017 ma setax ikun applikabbli għall-perjodu ta' investigazzjoni li jkopri Lulju 2020 – Ġunju 2021. Fl-aħħar nett, is-CISA osservat li r-rapport taċ-Ċina ma jindirizzax l-industrija Ċiniża tal-ECCS *per se*, iżda l-industrija Ċiniża tal-azzar b'mod ġenerali biss.

(69) Il-Kummissjoni nnotat li r-Rapport taċ-Ċina huwa dokument komprensiv ibbażat fuq evidenza oġġettiva estensiva, inklużi leġiżlazzjoni, regolamenti u dokumenti ta' politika uffiċjali oħrajn ippubblikati mill-GTĊ, rapporti ta' partijiet terzi minn organizzazzjonijiet internazzjonali, studji akkademiċi u artikli minn akkademiċi, u sorsi indipendenti affidabbli oħrajn. Dan ilu disponibbli għall-pubbliku minn Diċembru 2017, jiġifieri kull parti interessata kellha biżżejjed opportunità biex tirribatti, tissupplimenta jew tikkummenta dwaru u dwar l-evidenza li huwa bbażat fuqha, u la l-gvern taċ-Ċina u lanqas partijiet oħra ma ppreżentaw argumenti jew evidenza li tirribatti s-sorsi inklużi fir-Rapport taċ-Ċina. Bl-istess mod, rigward l-argument li r-Rapport huwa antikwat, il-Kummissjoni nnotat b'mod partikolari li l-evidenza u d-dokumenti ta' politika ewlenin li jinsabu fir-Rapport, inklużi l-pjanijiet

rilevanti ta' 5 snin u l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-prodott li qed jiġi investigat, kienu għadhom fil-biċċa l-kbira rilevanti matul il-PI, u li la ċ-China Chamber of Commerce of Metals, Minerals and Chemical (CCCMC) u lanqas il-partijiet l-oħra ma taw prova li dan ma kienx għadu l-każ. Kien biss matul is-sena 2021 li ċ-Ċina bdiet tippubblika pjanijiet ġodda ta' 5 snin u ħafna minn dawk il-pjanijiet saru pubbliċi biss fit-tieni nofs tas-sena, u għalhekk wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Dan kompla jiġi kkonfermat permezz ta' riċerka speċifika għall-każ imwettqa mill-Kummissjoni, kif miġbura fil-qosor hawn fuq.

(70) Fir-rigward tal-argument li r-Rapport taċ-Ċina ma jinkludix kapitolu speċifiku dwar l-ECCS, il-Kummissjoni nnotat li l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ma hijiex marbuta mal-eżistenza ta' kapitolu settorjali speċifiku li jkopri l-prodott ikkonċernat. Ir-Rapport jiddeskrivi tipi differenti ta' distorsjonijiet preżenti fir-RPĊ, li huma trażversali u applikabbli fl-ekonomija Ċiniża kollha u jaffettwaw il-prezzijiet u/jew il-materja prima u l-kostijiet tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, ir-Rapport mhuwiex l-uniku sors ta' evidenza użat mill-Kummissjoni għall-konstatazzjonijiet tagħha; fit-taqsima attwali ta' dan ir-Regolament jiġu diskussi provi reċenti addizzjonali ta' distorsjonijiet li jikkonċernaw is-settur tal-azzar, inkluża l-produzzjoni tal-ECCS, il-materji primi użati għall-produzzjoni tal-ECCS, kif ukoll il-produtturi esportaturi tal-ECCS koperti f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn l-asserzjonijiet ġew miċħuda.

(71) It-tielet nett, is-CISA ikkummentat li skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti jenħtieġ li ssir għal kull produttur esportatur b'mod separat. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tanalizza s-sitwazzjoni ta' kull produttur Ċiniż inkluż fil-kampjun u tiddeċiedi jekk hemmx distorsjoni fi kwalunkwe wieħed mill-fatturi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ għal kull wieħed minnhom. Is-CISA ddikjarat li s-sejbiet "fil-pajjiż kollu" jew "fl-industrija kollha" ma għandhomx ikunu permessi u peress li kien hemm kampjunar f'dan il-każ, kien tal-inqas meħtieġ li jiġu stabbiliti distorsjonijiet għal kull produttur inkluż fil-kampjun u għal kull fattur ta' produzzjoni użat minnhom separatament.

(72) Il-Kummissjoni tinnota li l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ġiet stabbilita fuq livell nazzjonali. Madankollu, kif muri f'din it-taqsima, il-Kummissjoni analizzat ukoll is-sitwazzjoni speċifika tal-produtturi esportaturi, u sabet li kull wieħed mill-produtturi fil-kampjun kien tabilħaqq affettwat minn dawn id-distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jipprevedi li l-kostijiet domestiċi ta' kull produttur jistgħu jintużaw jekk jiġi kkonstatat li mhumiex milquta minn distorsjonijiet sinifikanti, imma dan ma kienx il-każ f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(73) Bi tweġiba għat-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, is-CISA tenniet il-kummenti li kellha b'reazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-Ewwel Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni. Barra minn hekk, hija żiedet li l-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti jenħtieġ li ma jkunx iddeterminat minn qabel f'investigazzjoni. Is-CISA bagħtet li l-Kummissjoni jenħtieġ li ma tibdiex il-proċedura bbażata fuq l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel ma fil-fatt tiddetermina b'mod pożittiv l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti. Għalhekk, skont is-CISA, il-Kummissjoni ma għandhiex tieħu passi bħal li tibgħat kwestjonarji skont l-Artikolu 2(6a), u tibda tfittex *data* ta' valur normali mis-sorsi alternattivi, sakemm l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tiġi stabbilita b'mod pożittiv. L-asserzjonijiet tas-CISA ġew appoġġati wkoll fis-sottomissjoni minn Baosteel bi tweġiba għat-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni.

(74) Il-Kummissjoni ċċarat li filwaqt li d-determinazzjoni dwar l-eżistenza attwali ta' distorsjonijiet sinifikanti u l-użu konsegwenti tal-metodoloġija preskritta mill-Artikolu 2(6a)(a) isseħħ biss fil-ħin tad-divulgazzjoni proviżorja u/jew definittiva u fl-adozzjoni sussegwenti tal-att legali rilevanti, l-Artikolu 2(6a)(e) jistabbilixxi obbligu li tinġabar id-*data* meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din il-metodoloġija meta l-investigazzjoni tkun inbdiet fuq din il-bażi. F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset l-evidenza sottomessa mill-ilmentatur dwar id-distorsjonijiet sinifikanti bħala totalment suffiċjenti biex tinbeda l-investigazzjoni fuq din il-bażi. In-Notifika ta' Bidu speċifikat dan b'mod ċar fil-Punt 3 f'konformità ma' dan l-obbligu fl-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet il-passi meħtieġa biex tkun tista' tapplika l-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku f'każ li l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tiġi kkonfermata matul l-investigazzjoni. Din il-proċedura tinkludi li jintbagħtu kwestjonarji lill-produtturi esportaturi kif ukoll lill-gvern taċ-Ċina, kif ukoll it-tiftix għal pajjiżi rappreżentattivi xierqa possibbli. Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(6a)(e) jimponi obbligu ulterjuri fuq il-Kummissjoni biex tinforma lill-partijiet minnufih wara l-bidu dwar is-sorsi rilevanti li beħsiebha tuża f'dan ir-rigward. Dan jikkostitwixxi l-bażi legali għall-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarji dwar in-noti dwar il-fatturi tal-produzzjoni, kif dettaljat iktar 'il fuq. Abbażi ta' dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(75) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat tal-forzi tas-suq ħieles minħabba li dawn huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GOC, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. B'konsegwenza, il-Kummissjoni pproċediet biex tibni l-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu l-prezzijiet jew il-valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.4. *Pajjiż rappreżentattiv*

3.1.4.1. Rimarki ġenerali

(76) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għall-PRC. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni analizzat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi ta' *data* tal-Bank Dinji ([36]);

— Il-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat f'dak il-pajjiż,

— Disponibbiltà tad-*data* rilevanti disponibbli faċilment fil-pajjiż rappreżentattiv.

— Fejn hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell xieraq ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(77) Kif spjegat fil-premessi (39) u (40), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali. Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti, u indirizzaw ukoll il-kummenti li rċevew il-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti. Fit-tieni nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tuża l-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk tiġi kkonfermata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

3.1.4.2. Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għall-PRC

(78) Fl-Ewwel Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni identifikat il-Brażil, il-Kolombja, il-Messiku, it-Tajlandja u t-Turkija bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina skont il-Bank Dinji, jiġifieri lkoll huma kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross fejn kien magħruf li jiġi mmanifatturat l-prodott li qed jiġi investigat.

(79) Il-kummenti li waslu dwar l-Ewwel Nota kkonfermaw lill-Brażil jew lit-Turkija bħala pajjiżi rappreżentattivi xierqa possibbli.

3.1.4.3. Disponibbiltà tad-*data* rilevanti disponibbli faċilment fil-pajjiż rappreżentattiv

(80) Fl-Ewwel Nota, għall-pajjiżi identifikati bħala pajjiżi fejn qed jiġi mmanifatturat il-prodott li qed jiġi investigat, jiġifieri l-Brażil, il-Kolombja, il-Messiku, it-Tajlandja u t-Turkija, il-Kummissjoni vverifikat id-disponibbiltà tad-*data* meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* finanzjarja tal-produtturi tal-prodott simili.

(81) Il-Kummissjoni identifikat żewġ kumpaniji li dehru li kienu produtturi tal-prodott li qed jiġi investigat u li kienu profittabbli fl-2020 (perjodu parzjalment sovrappost mal-PI): Companhia Siderúrgica Nacional (CSN) mill-Brażil u Ereğli Demir ve Çelik Fabrikaları (Erdemir) mit-Turkija. Il-Kummissjoni sabet li għal dawn iż-żewġ kumpaniji kien hemm *data* finanzjarja kkonsolidata disponibbli minnufih fil-livell tal-grupp għas-sena 2020.

([36]) World Bank Open Data – Upper Middle Income, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

(82) Fil-kummenti tagħhom dwar l-Ewwel nota, il-partijiet interessati ġibdu l-attenzjoni li għall-Companhia Siderúrgica Nacional (CSN) id-*data* finanzjarja mhux biss kienet disponibbli fil-livell tal-grupp iżda wkoll speċifikament għas-settur tal-"manifattura tal-azzar". Min-naħa l-oħra ma kinitx disponibbli *data* finanzjarja fil-livell settorjali għall-produttur Tork tal-ECCS Ereğli Demir ve Çelik Fabrikaları (Erdemir). Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li d-*data* finanzjarja faċilment disponibbli mill-Brażil kienet tikkostitwixxi d-*data* l-iktar rilevanti dwar il-kostijiet SG&A u profitti.

(83) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bit-Tieni Nota li hija għandha l-ħsieb li tuża l-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u l-kumpanija CSN, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex tikseb prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-kalkolu tal-valur normali.

(84) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-adegwatezza tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv u tas-CSN bħala produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(85) Ma wasal l-ebda kumment mingħand partijiet interessati li jikkontesta l-adegwatezza tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv u tas-CSN bħala produttur fil-pajjiż rappreżentattiv

3.1.4.4. Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

(86) Wara li ġie stabbilit li l-Brażil kien pajjiż rappreżentattiv xieraq, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

3.1.4.5. Konklużjoni

(87) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Brażil issodisfa l-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.1.5. *Is-sorsi użati sabiex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

(88) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera, użati fil-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat mill-produtturi esportaturi u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli faċilment dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

(89) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li kienet se tuża l-Global Trade Atlas (GTA) biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni għall-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' produzzjoni. Madankollu, fil-każ ta' azzar illaminat bis-sħana u azzar illaminat bil-kesħa, iċ-Ċina kienet l-oriġini ta' aktar minn 90 % tal-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti fil-Brażil. Il-Kummissjoni ċċekkjat rigward din il-kwistjoni u nnotat li l-kwantitajiet ta' dawn il-prodotti importati minn pajjiżi terzi oħra fil-Brażil kienu żgħar u ma kinux rappreżentattivi biżżejjed. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat valur referenzjarju possibbli ieħor għall-prezz ta' dawn il-materji primi fil-Brażil u użat b'mod proviżorju l-valutazzjonijiet tal-prezzijiet tal-azzar domestiċi tal-Metal Bulletin (Fastmarkets' Prices).

(90) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li hija se tuża l-istatistika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) biex tistabbilixxi kostijiet tax-xogħol mingħajr distorsjoni ([37]), il-prezzijiet tal-kumpanija EDP Brasil, wieħed mill-akbar fornituri tal-elettriku fil-Brażil, biex tistabbilixxi kostijiet tal-elettriku mingħajr distorsjoni ([38]), il-prezzijiet tal-gass naturali kif imposti mill-akbar distributur tal-gass fil-Brażil, il-kumpanija Comgas, għall-istabbiliment ta' kostijiet tal-gass mingħajr distorsjoni ([39]), il-prezzijiet tal-kumpanija Sabesp, responsabbli għall-provvista tal-ilma, għall-ġbir u għat-trattament tad-drenaġġ fl-Istat ta' Sao Paulo, biex tistabbilixxi kostijiet mingħajr distorsjoni tal-ilma ([40]).

([37]) https://ilostat.ilo.org/
([38]) http://www.edp.com.br/distribuicao-es/saiba-mais/informativos/tarifas-aplicadas-a-clientes-atendidos-em-alta-e-media-tensao-(grupo-a)
([39]) https://www.comgas.com.br/tarifas/historico-de-tarifas/
([40]) http://site.sabesp.com.br/site/interna/Default.aspx?secaoId=183

(91) Wara t-Tieni nota, is-CISA ddikjarat li l-prezzijiet domestiċi tal-Brażil tal-prodotti ċatti tal-azzar ma għandhomx jintużaw bħala prezz ta' riferiment peress li kienu ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet fi swieq oħra bħall-Ewropa, l-Indja jew it-Turkija. Minflok, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża jew il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-GTA jew parametru referenzjarju internazzjonali kif irrapportat fl-SSB / S&P Platts.

(92) Il-Kummissjoni tenniet li – kif imsemmi fit-Tieni Nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni (ara l-premessa 89) – ma setgħux jintużaw il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-GTA. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-prezzijiet tal-Metal Bulletin użati kienu simili għad-*data* tal-SBB / S&P Platts (varjazzjoni ta' inqas minn 5 %). Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrifjuta d-dikjarazzjoni tas-CISA u li tikkonferma l-użu tal-prezzijiet tal-azzar domestiċi Brażiljani kif irrapportati fil-Metal Bulletin.

3.1.6. *Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni*

3.1.6.1. Fatturi tal-produzzjoni

(93) Meta titqies l-informazzjoni kollha disponibbli għall-Kummissjoni, il-fatturi tal-produzzjoni u s-sorsi tagħhom li ġejjin ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 2

Fatturi tal-produzzjoni tal-ECCS

Fattur ta' Produzzjoni ("FOP")	Nomenklatura Komuni tal-Mercosur (NCM)	Valur mingħajr distorsjoni fil-yuan Ċiniż ("CNY")	Unità ta' kejl	Sors ta' informazzjoni
Trab tal-Minerali tal-Ħadid għas-Sinterizzazzjoni	260111	1,112	kg	GTA
Ossidu tal-Kromu	281910	18,319	kg	GTA
Azzar Illaminat bis-Sħana	720827	5,774	kg	Bulettin tal-Metall
Pellets tal-mineral tal-ħadid	26011210	1,209	kg	GTA
Gass tal-Faħam	270112	1,230	kg	Bulettin tal-Metall
Ruttam tal-Metall/Prodotti Sekondarji	720449	2,392	kg	GTA
Faħam Pulverizzat	270111	0,706	kg	GTA
Ferromolibdenu	720270	113,684	kg	GTA
Manganiż	81110010, 81110020, 81110090	13,210	kg	GTA
Kokk	27040011, 27040012	2,027	kg	GTA
Faħam tal-Kokk	270112	1,230	kg	Metal bulletin
Trab tal-Mineral tal-Ħadid	260111	1,112	kg	GTA
Faħam tal-Gass bix-Xaħam	270112	1,230	kg	Metal bulletin
Faħam bix-Xaħam	270112	1,230	kg	Bulettin tal-Metall
Faħam Bituminuż	270111	0,706	kg	GTA
Ruttam tal-Azzar Imħallat	720449	2,392	kg	GTA

Ruttam tal-Azzar Tqil	720449	2,392	kg	GTA
Ġibs verġni	252210	0,850	kg	GTA
Ċangatura tal-Ikkastjar Kontinwu	720719	3,126	kg	GTA
Kojls Kontinwament Ittemprati, Illaminati bil-Kesħa	720918	6,597	kg	Bulettin tal-Metall
Blokk tal-Ħadid Ippressat bis-Sħana	732690, 73269010, 73269090	94,693	kg	GTA
Sottogħarbiel	27040011, 27040012, 27040090	2,030	kg	GTA
Pellets tal-mineral tal-ħadid	26011210	1,209	kg	GTA
Minerali f'biċċiet magħqudin	260111	1,112	kg	GTA
Trab tal-Mineral tal-Ħadid	260111	1,112	kg	GTA
Gagazza tal-Ħadid b'Purità Għolja	261900	0,747	kg	GTA
Ruttam tal-Azzar tas-Siliċju	720449	2,392	kg	GTA
Blokka għall-Ippakkjar tar-Ruttam tar-Rokna	720449	2,392	kg	GTA
Ammonti Pendenti	720449	2,392	kg	GTA
Estrużjoni tal-Aluminju	760429	51,287	kg	GTA
Trab tal-Ħadid Riċiklat	260111	0,961	kg	GTA
Mill Scale Riċiklat	261900	0,750	kg	GTA
Gagazza Granulata tal-Ilma Riċiklat	261800	0,785	kg	GTA
Gagazza tal-Ħadid b'Purità Għolja Riċiklata	261900	0,750	kg	GTA
Ruttam tal-Azzar Tqil Riċiklat	720449	2,392	kg	GTA
Ruttam tal-Azzar Imħallat Riċiklat	720449	2,392	kg	GTA
Gass		2,257	m^3	Boletim Mensal de Acompanhamento da Industria de Gas Natural (il-Brażil)
Elettriku		5,034	kWh	EDP Brasil
Manodopera		51 600 27,112	sena siegħa	Statistika tal-ILO

3.1.6.2. Materja prima

(94) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata sax-xatba ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport. Il-prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO, elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([41]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mill-PRC lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-PRC minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Wara l-esklużjoni tal-importazzjonijiet fil-pajjiż rappreżentattiv miċ-Ċina u minn pajjiżi b'ekonomija mhux tas-suq, il-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet tal-materja prima ewlenija minn pajjiżi terzi oħrajn baqgħu rappreżentattivi.

(95) Il-Kummissjoni ddevjat mill-metodoloġija deskritta hawn fuq għal għadd limitat ta' materja prima.

(96) Għall-mineral tal-ħadid, il-Kummissjoni qagħdet fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-GTA mill-Brażil. Il-Kummissjoni nnotat li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-GTA tal-mineral tal-ħadid kienu ferm inqas mill-prezzijiet ġeneralment osservati għall-mineral tal-ħadid użat għall-produzzjoni tal-azzar. Minħabba din ir-raġuni, il-Kummissjoni analizzat dawn il-prezzijiet mal-prezzijiet tal-esportazzjoni li wkoll jinsabu fil-GTA għall-Brażil (li huwa wieħed mill-akbar produtturi tal-mineral tal-ħadid fid-dinja). Din l-analiżi kkonfermat li l-prezzijiet tal-importazzjoni ma kinux konformi ma' dawk osservati għall-esportazzjonijiet, li jissuġġerixxi li kienu baxxi b'mod anormali biex ikunu rappreżentattivi tal-prezzijiet fil-Brażil. Il-Kummissjoni qabblet ukoll dawk il-prezzijiet tal-importazzjoni mal-prezzijiet imħallsa mill-produtturi esportaturi fil-kampjun kif ukoll mal-prezzijiet irrapportati fil-Metal Bulletin, u wasslet għall-istess konklużjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonstatat li l-prezzijiet tal-importazzjoni fil-Brażil tal-mineral tal-ħadid ma setgħux jitqiesu bħala valur ta' riferiment rappreżentattiv.

(97) Fil-każ ta' ħafna prodotti tal-faħam irrappurtati mill-produttur esportatur fiċ-Ċina (faħam tal-gass, faħam tal-kokk, faħam oħxon tal-gass, faħam oħxon), il-Kummissjoni qieset li, b'mod simili għas-sejbiet tagħha fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/58 ([42]), il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-Brażil, kif irrappurtati mill-GTA, ma kinux rappreżentattivi. Tabilħaqq, dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu barra mill-firxa tal-prezzijiet osservata għal tali prodotti f'rapporti dwar il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi bħal dawk ta' Bloomberg jew Metal Bulletin u l-prezzijiet imħallsa mill-produttur esportatur fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni qieset li l-prezz irrappurtat fil-Metal Bulletin għal faħam tal-kokk iebes bi kwalità primjum kien prezz ta' referenza xieraq. Dan jikkorrispondi għat-tip ta' faħam metallurġiku li jintuża għall-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar. Dan il-valur referenzjarju ntuża f'investigazzjonijiet preċedenti relatati ma' prodotti tal-azzar, bħal dik imsemmija qabel.

(98) Għal għadd kbir ta' fatturi ta' produzzjoni, il-kostijiet effettivi mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw individwalment sehem negliġibbli tal-kost tal-manifattura tal-prodott li qed jiġi investigat fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, fl-istadju proviżorju l-Kummissjoni ddeċidiet li tqis dawn il-fatturi, li b'mod aggregat kienu jammontaw għal inqas minn 4 % tal-kost tal-manifattura, bħala oġġetti konsumabbli.

(99) Fatturi tal-produzzjoni li pproduċew il-produtturi stess li kellhom biss piż negliġibbli fil-kost totali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi kif ukoll fuq il-livell tat-tip tal-prodott, inġabru flimkien taħt oġġetti tal-konsum. Il-Kummissjoni kkalkolat il-perċentwal tal-oġġetti tal-konsum fuq il-kost totali tal-materja prima u applikat dan il-perċentwal għall-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-materja prima meta użat il-prezzijiet mingħajr distorsjoni stabbiliti.

([41]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali u, fi kwalunkwe każ, din id-data dwar l-importazzjoni kienet negliġibbli.

([42]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/58 tal-14 ta' Jannar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti b'vina parallela rrumblati ċatt ta' azzar elettriku bis-siliċju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Ġappun, mir-Repubblika tal-Korea, mill-Federazzjoni Russa u mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 10, 17.1.2022, p. 17).

3.1.6.3. Manodopera

(100) L-ILO tippubblika informazzjoni ddettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fil-Brażil ([43]). Il-Kummissjoni użat l-istatistika tal-ILO dwar il-pagi ta' kull xahar tal-ħaddiema fis-settur tal-manifattura u s-sigħat medji ta' kull ġimgħa li nħadmu fil-Brażil fl-2020. Ġew miżjuda kostijiet addizzjonali relatati max-xogħol ([44]) (kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tal-qgħad li jġorrhom l-impjegatur). Abbażi ta' dan, ġiet ikkalkolata rata fis-siegħa.

3.1.6.4. Elettriku

(101) Il-prezz tal-elettriku għall-kumpaniji (l-utenti industrijali) fil-Brażil huwa ppubblikat mill-EDP Brasil għall-2020 u l-2021. Il-Kummissjoni użat id-*data* dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-medda tal-konsum korrispondenti f'CNY/kWh kif ippubblikata f'Lulju 2020 sa Ġunju 2021.

3.1.6.5. Gass naturali

(102) Biex jiġi stabbilit il-parametru referenzjarju għall-kostijiet tal-gass, il-Kummissjoni użat l-istatistika mill-Ministeru Brażiljan għall-Enerġija. Il-prezzijiet użati huma l-prezz medju tal-unità tal-gass għall-utenti industrijali, ipprovdut mill-bulettin ta' kull xahar tal-Ministeru għall-Enerġija. Dawk il-bullettini indikaw id-*data* storika mill-2018 sa April 2021. Il-Kummissjoni użat il-medja għall-perjodu minn Lulju 2020 sa April 2021.

3.1.6.6. Spejjeż ġenerali tal-manifattura, SG&A, profitti u deprezzament

(103) Jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq. L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

(104) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*". Biex tistabbilixxi ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-kost tal-SG&A u l-profitt, il-Kummissjoni qagħdet fuq id-*data* finanzjarja għall-2020 għas-CSN li tinsab fir-Rapport Integrat tas-CSN tal-2020 ([45]).

3.1.6.7. Il-kalkolu

(105) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ex-works, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(106) L-ewwel, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera. Dawn ir-rati ta' konsum ġew ivverifikati permezz ta' xogħol fl-uffiċċju u kontroverifiki mill-bogħod. Il-Kummissjoni mmoltiplikat l-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv (tabella 2 hawn fuq).

(107) Imbagħad, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, kif spjegat fil-premessa (103) li b'kollox ammontaw għal inqas minn 10 % tal-kostijiet tal-manifattura mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura sabiex jaslu għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni.

(108) Għall-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat l-SG&A u l-profitt tas-CSN kif innotat fil-premessa (104). L-SG&A, espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa ("COGS") u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammontaw għal 6,51 %. Il-profitt, espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 10,65 %.

([43]) https://ilostat.ilo.org/
([44]) Disponibbli fuq https://establishbrazil.com/articles/whats-real-cost-employee (ikkonsultat l-aħħar fit-8 ta' April 2022).
([45]) https://www.csn.com.br/wp-content/uploads/sites/452/2021/07/Relato-Integrado-2020-EN.pdf

(109) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ex-works f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.6.8. Prezz tal-esportazzjoni

(110) Produttur esportatur li kkoopera li kien inkluż fil-kampjun, Jintai, esporta l-prodott li qed jiġi investigat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. Għal dan il-bejgħ, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott li qed jiġi investigat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(111) Il-produttur esportatur l-ieħor li kkoopera fil-kampjun, Baosteel, esporta l-prodott li qed jiġi investigat permezz ta' kumpaniji relatati fl-Unjoni, li aġixxew bħala importaturi u sussidjarji tal-bejgħ. Għal dan il-bejgħ, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. L-aġġustamenti li saru fil-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż għall-ispejjeż SG&A, u għall-profitti dovuti.

3.1.6.9. Tqabbil

(112) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera fuq bażi ex-works.

(113) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, għall-assigurazzjoni, għall-immaniġġar u għat-tagħbija, għall-kostijiet ta' kreditu, u provvedimenti oħra (assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni).

3.1.6.10. Marġnijiet tad-dumping

(114) Għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip ta' prodott li qed jiġi investigat korrispondenti, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(115) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati provviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni tad-dumping provviżorju
Baoshan Iron & Steel Co., Ltd.	43,3 %
Handan Jintai Packing Material Co., Ltd	53,9 %

(116) Għall-kumpaniji li kkooperaw barra mill-kampjun, il-Kummissjoni kkalkulat il-medja ponderata tal-marġnijiet tad-dumping taż-żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun. Għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fiċ-Ċina, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-PI, li ġew stabbiliti abbażi ta' *data* kummerċjali tal-Comext u t-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(117) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa baxx minħabba li l-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu biss madwar nofs l-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-PI. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping residwu fil-livell tal-ogħla marġni ta' dumping misjub għat-tipi ta' prodotti mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi mill-produttur esportatur li jikkoopera inkluż fil-kampjun bl-ogħla marġni ta' dumping.

(118) Il-marġnijiet tad-dumping proviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni tad-dumping provviżorju
Baoshan Iron & Steel Co., Ltd.	43,3 %
Handan Jintai Packing Material Co., Ltd	53,9 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	45,1 %
Kumpaniji l-oħra kollha	77,9 %

3.2. **Il-Brażil**

3.2.1. *Valur Normali*

(119) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' CSN kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku huwa rappreżentattiv jekk il-volum ta' bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku kien jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tagħha għall-esportazzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-bejgħ totali ta' CSN fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(120) Il-Kummissjoni mbagħad identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fil-livell domestiku li kienu identiċi jew kumparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(121) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tas-CSN fis-suq domestiku tagħha għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew paragunabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott ikun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni tal-prodott identiku jew paragunabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li għal numru żgħir ta' tipi ta' prodotti li ġew esportati lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jew ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku, jew il-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott kien inqas minn 5 % fil-volum u għalhekk ma kienx rappreżentattiv.

(122) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(123) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkulat ta' produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

(124) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(125) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ bi profitt tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew anqas mill-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip: jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

(126) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li aktar minn 91 % tal-bejgħ domestiku ħalla profitt u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni.

(127) Għat-tipi tal-prodott mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-kostijiet SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul l-perkors normali tal-kummerċ fis-suq domestiku għal dawk it-tipi mal-kost tal-manifattura. Għat-tipi tal-prodott mhux mibjugħa fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-kostijiet SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru fil-perkors normali tal-kummerċ fis-suq domestiku mal-kost tal-manifattura.

3.2.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(128) Il-produttur esportatur li kkoopera esporta l-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott li qed jiġi investigat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.2.3. *Tqabbil*

(129) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera fuq bażi ex-works.

(130) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġjar u t-tagħbija, l-ispejjeż tal-ippakkjar, il-kostijiet tal-krediti u l-imposti bankarji, ir-ribassi u provvedimenti oħra.

3.2.4. *Marġni tad-dumping*

(131) Għall-produttur esportatur li kkoopera, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott li qed jiġi investigat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(132) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 100 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija li kkooperat.

(133) Il-marġnijiet tad-dumping proviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni tad-dumping provviżorju
Companhia Siderúrgica Nacional	66,8 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	66,8 %

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(134) Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn erba' produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(135) Kif spjegat fil-premessa (31) hawn fuq, billi d-*data* relatata mal-valutazzjoni tad-dannu kienet primarjament derivata mit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, li tnejn minnhom jappartjenu għall-istess grupp, iċ-ċifri kollha jingħataw f'forma indiċjata jew bħala firxiet biex tiġi protetta l-kunfidenzjalità tad-*data* pprovduta.

(136) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ġiet stabbilita għal bejn [439 000–513 000] tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-tweġiba għall-kwestjonarju makroekonomiku. Kif indikat fil-premessa (12), it-tliet produtturi tal-Unjoni li kkooperaw kienu jirrappreżentaw [85–95] % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. **Il-konsum tal-Unjoni**

(137) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum fl-Unjoni fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, flimkien mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet il-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fuq il-bażi tad-*data* miġbura mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-informazzjoni pprovduta minn Eurofer għall-produttur mhux fil-kampjun. Il-volumi tal-importazzjoni ttieħdu mid-dejta tal-Eurostat.

(138) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Il-konsum tal-Unjoni (f'tunnellati)

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-konsum totali tal-Unjoni	[522 000-611 000]	[508 000-595 000]	[506 000-593 000]	[505 000-591 000]
Indiċi	*100*	*97*	*97*	*97*

Sors: Eurostat, Eurofer u tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju.

(139) Il-konsum tal-Unjoni naqas bi 3 % bejn l-2018 u l-2019 u minn hemm baqa' stabbli sa tmiem il-PI. Id-domanda fis-suq tal-Unjoni varjat marġinalment matul il-perjodu kkunsidrat u tista' titqies bħala ġeneralment stabbli.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

4.3.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(140) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-ECCS li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati jenħtiġux li jiġu vvalutati b'mod kumulattiv, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(141) Il-marġni tad-dumping stabbilit b'rabta mal-importazzjonijiet mir-RPĊ u mill-Brażil kien ogħla mil-limiti *de minimis* stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx negliġibbli fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. L-ishma mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu [12-13] % u [2-3] %, rispettivament.

(142) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-PRC u mill-Brażil u bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodott simili kienu simili. B'mod aktar speċifiku, il-prodotti importati kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin u mal-ECCS prodott fl-Unjoni minħabba li jinbiegħu bl-istess mezzi ta' bejgħ u lil kategoriji simili ta' klijenti.

(143) Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mill-PRC u mill-Brażil kienu eżaminati b'mod kumulattiv għall-iskopijiet ta' determinazzjoni tad-dannu.

4.3.2. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(144) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tas-sehem li dawn l-importazzjonijiet irrappreżentaw mill-konsum totali tal-Unjoni.

(145) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati) u s-sehem mis-suq (f'%)

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Volum ta' importazzjonijiet mir-RPĊ	[56 000-66 000]	[66 000-77 000]	[80 000-94 000]	[64 000-75 000]
Indiċi	*100*	*118*	*143*	*114*
Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Brażil	[12 000-14 000]	[3 000-4 600]	[8 000-10 000]	[14 000-16 000]
Indiċi	100	32	70	113
Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati	[68 000-80 000]	[69 000-82 000]	[88 000-104 000]	[78 000-91 000]
Indiċi	*100*	*102*	*129*	*113*
Sehem mis-suq tar-RPĊ (%)	[10–11]	[12,5-13,5]	[15-16]	[12-13]
Indiċi	*100*	*121*	*147*	*117*
Sehem mis-suq tal-Brażil (%)	[2-3]	[0,5-1,5]	[1-2]	[2-3]
Indiċi	*100*	*33*	*72*	*117*
Is-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati (%)	[12-14]	[13-15]	[16-18]	[14-16]
Indiċi	*100*	*105*	*133*	*117*

Sors: Eurostat.

(146) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdied bi 13 % bejn l-2018 u l-PI u s-sehem mis-suq tagħhom żdied bi 17 % fl-istess perjodu. Il-volum tal-importazzjonijiet kien qed jiżdied b'mod kostanti sal-2020 u mbagħad naqas fil-PI prinċipalment minħabba l-kwistjonijiet tat-trasport u loġistiċi relatati mal-importazzjonijiet miċ-Ċina fit-tieni nofs tal-PI. Fi kwalunkwe każ, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fil-PI kien ogħla meta mqabbel kemm mal-2018 kif ukoll mal-2019.

4.3.3. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u twaqqigħ tal-prezz*

(147) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tad-*data* mill-produtturi esportaturi li kkooperaw u mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw.

(148) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 5

Il-prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-prezz tal-importazzjoni mill-PRC	771	761	701	721
Indiċi	*100*	*99*	*91*	*93*
Prezz tal-importazzjoni mill-Brażil	701	654	619	690
Indiċi	*100*	*93*	*88*	*98*
Prezz tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati	759	755	693	715
Indiċi	*100*	*99*	*91*	*94*

Sors: Eurostat.

(149) Il-prezz medju tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqas b'6 % matul il-perjodu meqjus għalkemm il-prezz tal-materja prima ewlenija (minerali tal-ħadid u strixxi llaminati bis-sħana) żdied fl-istess perjodu. Il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kif rifless fit-Tabella 9.

(150) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbur mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ex-works; u

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun li kkooperaw u mill-produttur Brażiljan li kkoopera lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF (kost, assigurazzjoni u nol), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(151) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat ta' twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 1,9 % u 13,7 % għaċ-Ċina u ta' 21,8 % għall-Brażil.

(152) L-utent Eviosys sostna li l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ mhumiex direttament komparabbli ma' dawk tal-industrija tal-Unjoni minħabba kwistjonijiet ta' kwalità. Madankollu, din it-talba ma ġietx sostnuta b'evidenza. Għalhekk, din it-talba ġiet irrifjutata proviżorjament.

4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Rimarki ġenerali*

(153) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżaminazzjoni tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus.

(154) Kif imsemmi fil-premessa (12), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(155) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi ta' *data* inkluża fit-tweġiba għall-kwestjonarju makroekonomiku. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(156) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(157) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(158) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 6

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-produzzjoni (tunnellati)	[480 000-562 000]	[464 000-544 000]	[428 000-501 000]	[439 000-513 000]
Indiċi	*100*	*97*	*89*	*91*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	[581 000-680 000]	[581 000-680 000]	[581 000-680 000]	[581 000-680 000]
Indiċi	*100*	*100*	*100*	*100*
Użu tal-kapaċità (%)	[82-89]	[80-86]	[73-79]	[75-81]
Indiċi	*100*	*97*	*89*	*91*

Sors: Eurofer u produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(159) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas matul il-perjodu meqjus.

(160) Filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu meqjus, l-użu tal-kapaċità segwa l-istess xejra negattiva bħall-produzzjoni u naqas b'9 % bejn l-2018 u l-PI.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(161) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 7

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	[336 000-394 000]	[336 000-394 000]	[317 000-371 000]	[337 000-394 000]
Indiċi	*100*	*100*	*94*	*100*
Is-sehem mis-suq (%)	[61-66]	[63-68]	[60-64]	[64-68]
Indiċi	*100*	*103*	*97*	*104*

Sors: Eurofer u produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(162) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni baqa' ġeneralment stabbli matul il-perjodu meqjus, bi tnaqqis ta' 6 % osservat fl-2020. Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied bi ftit matul dak il-perjodu b'4 %.

4.4.2.3. L-impjiegi u l-produttività

(163) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 8

L-impjiegi u l-produttività

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
L-għadd ta' impjegati	[680-790]	[820-960]	[840-980]	[770-900]
Indiċi	*100*	*122*	*124*	*113*
Produttività (tunnellati/impjegat)	[658-770]	[523-612]	[473-553]	[530-621]
Indiċi	*100*	*79*	*72*	*81*

Sors: Eurofer u produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(164) Filwaqt li l-għadd ta' impjegati żdied bi 13 % bejn l-2018 u l-PI, il-produttività naqset b'19 %. It-tnaqqis fil-produttività huwa prinċipalment dovut għat-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni matul il-perjodu meqjus. Tnaqqis fil-produttività jindika żieda fil-kost lavorattiv għal kull tunnellata ta' ECCS prodotta.

4.4.2.4. It-tkabbir

(165) Kif spjegat fit-Taqsimiet 4.4.2.1 sa 4.4.2.3 hawn fuq, il-volum tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'9 % matul il-perjodu meqjus, li rriżulta f'kostijiet fissi ogħla għal kull unità ta' produzzjoni u fi produttività aktar baxxa. Dan it-tnaqqis qabeż it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, kif imsemmi fil-premessa (139).

(166) Minkejja li l-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni baqa' stabbli u s-sehem mis-suq żdied b'4 % bejn l-2018 u l-PI, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat deterjorament fil-prestazzjoni finanzjarja tagħha. Kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3 hawn taħt, hija ħabtet wiċċha ma' kost ogħla tal-produzzjoni filwaqt li ma setgħetx taġġusta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha kif xieraq.

(167) Għalhekk, il-perspettivi tat-tkabbir tal-industrija tal-Unjoni ġew ipperikolati.

4.4.2.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat

(168) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta tqis il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(169) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott li qed jiġi investigat. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(170) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 9

Prezzijiet ta' bejgħ fl-Unjoni (EUR/tunnellata)

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali	[780-910]	[800-930]	[760-890]	[780-910]
Indiċi	*100*	*102*	*97*	*100*
Kost unitarju tal-produzzjoni	[770-900]	[810-950]	[810-940]	[840-980]
Indiċi	*100*	*106*	*105*	*109*

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(171) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni baqgħu ġeneralment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat għalkemm il-kost medju tal-produzzjoni żdied b'9 % bejn l-2018 u l-PI. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ biex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni.

(172) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni kien ibbażat fuq kuntratti annwali ma' klijenti li stabbilew il-kwantitajiet u l-prezzijiet għas-sena li ġejja. Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni għandha marġni minimu biex iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima matul l-applikazzjoni tal-kuntratt annwali, fil-prinċipju għandha tkun tista' żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha meta tinnegozja l-kuntratti għas-sena ta' wara. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex tagħmel dan waqt il-perjodu kkunsidrat minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet. Dan wassal għal tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3.4 hawn taħt.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(173) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 10

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat	[71 000-83 000]	[72 000-85 000]	[68 000-80 000]	[71 000-83 000]
Indiċi	*100*	*102*	*96*	*100*

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(174) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat tal-industrija tal-Unjoni baqa' ġeneralment stabbli matul il-perjodu meqjus b'żieda żgħira fl-2019 u tnaqqis ta' 4 % fl-2020, l-aktar minħabba l-waqfien tal-produzzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Fil-PI, il-kost lavorattiv medju reġa' lura għal-livell tiegħu tal-2018.

4.4.3.3. Inventarji

(175) Il-livelli tal-ħażniet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Inventarji

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Ħażniet tal-għeluq (tunnellati)	[37 900-44 400]	[41 800-48 900]	[22 700-26 600]	[33 700-39 500]
Indiċi	*100*	*110*	*60*	*89*
L-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	[7-9]	[9–11]	[5-7]	[7-9]
Indiċi	*100*	*115*	*68*	*98*

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(176) L-inventarji l-ewwel żdiedu b'10 % fl-2019 qabel ma naqsu drastikament fl-2020. B'mod ġenerali, dawn naqsu bi 11 % bejn l-2018 u l-PI. Kif spjegat fil-premessa (172), l-industrija tal-ECCS fl-Unjoni hija kkaratterizzata minn kuntratti qafas annwali bejn il-produtturi u l-klijenti li jiffissaw il-kwantitajiet u l-prezzijiet. Dawn il-kuntratti qafas jiġu implimentati permezz ta' ordnijiet ta' xiri skont il-ħtiġijiet tal-klijent. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni tista' tippjana l-produzzjoni u l-inventarji tagħha. Għalhekk, l-inventarji ma humiex indikatur ewlieni għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

4.4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(177) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 12

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[1-3]	[(- 1)–(- 3)]	[(- 7)–(- 9)]	[(- 8)–(- 10)]
Indiċi	*100*	*- 137*	*- 414*	*- 505*
Fluss tal-flus (EUR)	[10 000 000–11 700 000]	[1 000 000–2 000 000]	[(- 5 400 000)–(- 6 300 000)]	[(- 9 500 000)–(- 11 150 000)]
Indiċi	*100*	*9*	*- 54*	*- 95*
Investimenti (EUR)	[16 820 000-19 690 000]	[22 750 000-26 630 000]	[28 400 000-33 250 000]	[30 000 000-35 130 000]
Indiċi	*100*	*135*	*169*	*178*
Redditu fuq l-investimenti (%)	[1-2]	[(- 1)–(- 2)]	[(- 3)–(- 4)]	[(- 4)–(- 5)]
Indiċi	*100*	*- 137*	*- 373*	*- 461*

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(178) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(179) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset u nbidlet għal telf mill-2019, li kompla jiżdied fil-PI. Tabilħaqq, għalkemm l-industrija tal-Unjoni żammet il-volumi tal-produzzjoni tagħha sabiex tkopri l-kostijiet fissi għoljin, ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ biex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni u għalhekk bdiet tagħmel it-telf.

(180) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett żviluppat 'l isfel bi tnaqqis ta' madwar 200 % matul il-perjodu meqjus u kienet negattiva fil-PI. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat diffikultajiet biex tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha, li hija indikazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni finanzjarja deterjorata tagħha.

(181) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku tal-investimenti. Din segwiet xejra negattiva simili bħall-profittabbiltà u l-fluss tal-flus nett. Ir-redditu fuq l-investiment naqas b'mod sinifikanti bejn l-2018 u l-PI u sar negattiv fil-PI. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tiġġenera biżżejjed profitti sabiex tkopri l-investimenti tagħha. Tabilħaqq, l-industrija tal-Unjoni żiedet progressivament l-investimenti tagħha matul il-perjodu meqjus, l-aktar minħabba l-ħtieġa li tikkonforma mar-rekwiżiti legali u ma setax ikollha redditu fuq dawn l-investimenti. L-iżvilupp negattiv tar-redditu fuq l-investiment matul il-perjodu meqjus indika ulterjorment li s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar b'mod sinifikanti.

(182) Il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li jżidu l-kapital ġiet affettwata mis-sitwazzjoni finanzjarja deterjorata tagħhom. It-tnaqqis konsiderevoli tal-profittabbiltà u l-fluss tal-flus nett indikaw ħassib serju fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-likwidità tal-industrija tal-Unjoni u l-kapaċità tagħha li żżid il-kapital biex tiffinanzja l-attività operattiva tagħha u l-investimenti meħtieġa.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(183) L-indikaturi ekonomiċi kemm fil-livell makro kif ukoll f'dak mikro ddeterjoraw matul il-perjodu meqjus.

(184) Filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet stabbli, l-użu tal-kapaċità naqas b'9 % bejn l-2018 u l-PI, li rriżulta f'kost fiss ogħla għal kull tunnellata ta' ECCS. Għalkemm il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni baqa' ġeneralment stabbli u kiseb xi sehem mis-suq fil-perjodu meqjus, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra (b'21 % f'termini ta' sehem mis-suq), il-volum tal-produzzjoni tiegħu naqas b'9 % fl-istess perjodu.

(185) Minkejja l-fatt li l-industrija tal-Unjoni żammet b'mod ġenerali l-pożizzjoni tagħha fis-suq matul il-perjodu meqjus, is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha marret għall-agħar l-aktar minħabba ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, li ma setgħetx tiġi koperta minn żieda korrispondenti fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha.

(186) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni baqgħu stabbli matul il-perjodu meqjus għalkemm il-kost medju tal-produzzjoni żdied b'9 % fl-istess perjodu. Is-soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping wasslet għal telf mill-2019, li kompla jiżdied fil-PI. Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni qallbet għan-negattiv minn [1–3] % fl-2018 għal [(-8)–(-10)] % fil-PI, li jfisser li naqset b'fattur ta' sitta. Filwaqt li l-investimenti netti żdiedu bi 78 %, ir-redditu fuq l-investiment sar negattiv matul il-perjodu meqjus, minn [1–2] % fl-2018 għal [(-4)–(-5)] % fil-PI, li jfisser li naqas b'ħames darbiet. Il-fluss tal-flus sar negattiv ukoll, li affettwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja waħedha l-operazzjonijiet tagħha. L-għadd ta' impjegati żdied matul l-istess perjodu bi 13 %; madankollu, il-produttività naqset bi 19 %, u dan irriżulta f'kost tax-xogħol ogħla għal kull tunnellata ta' ECCS.

(187) Kif stabbilit hawn fuq, l-indikaturi ekonomiċi bħall-profittabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment iddeterjoraw b'mod sinifikanti matul il-perjodu meqjus. Dan affettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja lilha nnifisha, li tagħmel l-investimenti meħtieġa u li żżid il-kapital, u b'hekk jimpedixxi t-tkabbir tagħha u saħansitra jhedded is-sopravivenza tagħha.

(188) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. **KAWŻALITÀ**

(189) Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufin setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx attribwit għall-importazzjoni oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-pandemija tal-COVID-19, l-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-effett ta' kuntratti annwali.

5.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

5.1.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati*

(190) Il-Kummissjoni eżaminat l-evoluzzjoni tal-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(191) Il-kwantità tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati kompliet tiżdied matul il-perjodu meqjus għalkemm ġie osservat tnaqqis fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-aktar minħabba t-tfixkil tat-trasport internazzjonali u għalhekk, il-provvista tal-ECCS fl-2021. Il-volumi tal-importazzjonijiet akkumulati mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu minn [68 000-80 000] tunnellata fl-2018 għal [78 000-91 000] tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni, li rrappreżentaw żieda ta' 13,5 %.

(192) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati l-ewwel żdied minn 13,1 % fl-2018 għal 15,4 % fil-PI, jiġifieri żieda ta' 17,5 %. Konsegwentement, kien hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku.

5.1.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u effetti tal-prezz*

(193) Il-prezz medju tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqas b'6 % matul il-perjodu meqjus għalkemm il-prezz tal-materja prima ewlenija (minerali tal-ħadid jew strixxi llaminati bis-sħana) żdied fl-istess perjodu. Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni kienu ferm inqas mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni (715-il EUR/tunnellata mqabbel ma' 780–910 EUR/tunnellata fil-PI). Kif spjegat fil-premessa (151) hawn fuq, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'1,9 % – 13,7 % għaċ-Ċina u 21,8 % għall-Brażil. Irrispettivament mit-twaqqigħ tal-prezz, il-volumi sinifikanti tal-importazzjoni bi prezzijiet baxxi naqqsu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, li ma setgħatx tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni u b'hekk ġarrbet telf.

5.1.3. *Rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni*

(194) Il-kwantità miżjuda ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati flimkien mal-prezzijiet medji baxxi tal-bejgħ tagħhom kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex lill-klijenti tgħaddilhom il-kost dejjem akbar tal-materja prima minħabba li kienet qed tħabbat wiċċha ma' kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet tal-prodott kkonċernat. L-istrateġija tal-industrija tal-Unjoni kienet li żżomm il-volumi tal-produzzjoni u s-sehem mis-suq biex tkopri l-kostijiet fissi għoljin għad-detriment tal-profittabbiltà tagħha. Għalhekk, l-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati impedixxew iż-żidiet fil-prezzijiet min-naħa tal-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku u għalhekk ikkawżaw soppressjoni tal-prezzijiet.

(195) L-utent Eviosys afferma li l-importazzjonijiet jeżerċitaw pressjoni kompetittiva limitata ħafna, jekk ikun hemm, fuq l-industrija tal-Unjoni billi jirreferi għal deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-fużjoni ([46]). Abbażi tal-istess deċiżjoni, l-utent u s-CISA argumentaw li l-importazzjonijiet, b'mod partikolari miċ-Ċina, intużaw l-aktar għal applikazzjonijiet ta' livell baxx minħabba l-kwalità aktar baxxa tagħhom, u li l-klijenti tal-Unjoni ppreferew jakkwistaw il-prodotti tagħhom lokalment minħabba li l-importazzjonijiet kellhom ħinijiet itwal ta' stennija, kost ogħla tat-trasport, kif ukoll livelli aktar baxxi ta' kwalità.

(196) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'każijiet ta' fużjoni għandhom objettivi differenti u huma bbażati fuq tipi differenti ta' valutazzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni msemmija mill-utent kellha kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ferm usa' mill-ECCS u kienet tinkludi għadd ta' prodotti oħra tal-azzar, li xi whud minnhom diġà kienu soġġetti għal dazji anti-dumping. Barra minn hekk, fil-partijiet tad-deċiżjoni tal-fużjoni msemmija mill-utent, il-Kummissjoni għamlet analiżi konġunta tas-suq tal-pjanċa stanjata u tal-ECCS. Barra minn hekk, l-analiżi tal-importazzjonijiet magħmula f'din id-deċiżjoni kienet tikkonċerna perjodu li jippreċedi l-perjodu meqjus. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni dwar żminijiet meħtieġa itwal, livelli ta' kwalità aktar baxxi u kostijiet ogħla tat-trasport ma kinitx sostnuta minn evidenza. Konsegwentement, il-Kummissjoni rrifjutat l-affermazzjoni b'mod provviżorju.

(197) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod provviżorju li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

5.2. **L-effetti ta' fatturi oħra**

5.2.1. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(198) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 13

L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Renju Unit	Volum (f'tunnellati)	[67 000-78 000]	[68 000-78 000]	[73 000-80 000]	[60 000-85 000]
	Indiċi	*100*	*102*	*109*	*91*
	Is-sehem mis-suq (%)	[11-14]	[12-15]	[13-16]	[11-14]

([46]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża M.8713 – Tata steel/ThyssenKrupp/JV, 11 ta' Ġunju 2019, il-premessi 384, 388 u 390.

	Indiċi	*100*	*105*	*112*	*94*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	850	854	837	839
	Indiċi	*100*	*100*	*98*	*98*
Il-Ġappun	Volum (f'tunnellati)	[8 900-10 500]	[11 800-13 900]	[14 400-17 000]	[13 400-15 800]
	Indiċi	*100*	*132*	*161*	*150*
	Is-sehem mis-suq (%)	[1-2]	[2-3]	[2,5-3,5]	[2-3]
	Indiċi	*100*	*135*	*166*	*155*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	850	848	777	776
	Indiċi	*100*	*100*	*91*	*91*
Il-Korea t'Isfel	Volum (f'tunnellati)	[11 600-13 600]	[4 300-5 100]	[3 900-4 500]	[4 700-5 500]
	Indiċi	*100*	*36*	*33*	*40*
	Is-sehem mis-suq (%)	[2-3]	[0,5-1,5]	[0,5-1,5]	[0,5-1,5]
	Indiċi	*100*	*38*	*34*	*42*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	802	855	771	763
	Indiċi	*100*	*107*	*96*	*95*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (f'tunnellati)	[29 000-34 000]	[17 000-20 000]	[8 000-9 000]	[11 000-13 000]
	Indiċi	*100*	*59*	*29*	*37*
	Is-sehem mis-suq (%)	[5-7]	[3-5]	[1-3]	[2-4]
	Indiċi	*100*	*60*	*29*	*38*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	869	805	732	812
	Indiċi	*100*	*93*	*84*	*93*
Total tal-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiżi kkonċernati	Volum (f'tunnellati)	[117 000-137 000]	[101 000-119 000]	[100 000-117 000]	[90 000-105 000]
	Indiċi	*100*	*87*	*85*	*77*

	Is-sehem mis-suq (%)	[21-24]	[18-21]	[18-21]	[16-19]
	Indiċi	*100*	*89*	*88*	*79*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	850	845	817	822
	Indiċi	*100*	*99*	*96*	*97*

Sors: Eurostat.

(199) Il-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra kellhom sehem mis-suq ta' 22,4 % fl-2018 u ta' 17,8 % fil-PI. Il-volum ta' dawn l-importazzjonijiet naqas matul il-perjodu meqjus bi 23 % u s-sehem mis-suq tagħhom segwa l-istess xejra bi tnaqqis ta' 21 %. Il-prezz medju tal-importazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet naqas bi ftit matul il-perjodu meqjus bi 3 %. Madankollu, il-livelli tal-prezzijiet baqgħu qrib il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (822 EUR/tunnellata vs 780–910 EUR/tunnellata fil-PI) u kienu ogħla b'mod sinifikanti mill-prezz medju tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (822 EUR/tunnellata vs 715-il EUR/tunnellata fil-PI). L-uniku pajjiż li żied l-importazzjonijiet tiegħu fl-Unjoni fil-perjodu kkunsidrat kien il-Ġappun. Madankollu, l-importazzjonijiet tiegħu naqsu fil-PI meta mqabbel mal-2020 u l-livelli tal-prezzijiet tiegħu baqgħu ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(200) Is-CISA ddikjarat li l-importazzjonijiet mir-Renju Unit jiksru l-kawżalità bejn l-importazzjonijiet mir-RPĊ u d-dannu li nstab minħabba l-kwantitajiet importati minn dak il-pajjiż. Madankollu, l-importazzjonijiet mir-Renju Unit kienu bi prezzijiet ħafna ogħla minn dawk mill-PRC jew mill-Brażil u naqsu b'6 % matul il-perjodu meqjus. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni b'mod provviżorju.

(201) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma kkontribwewx għad-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *Il-pandemija tal-COVID-19*

(202) L-utent Eviosys u s-CISA affermaw li l-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, li rriżultat f'żieda naturali fil-kostijiet flimkien ma' tnaqqis fid-domanda, kienet il-kawża tad-diskrepanza bejn l-evoluzzjoni tal-kostijiet u tal-prezzijiet matul dak il-perjodu. Is-CISA ddikjarat ukoll li l-pandemija tal-COVID-19 jenħtieġ li titqies bħala fattur li *"jkisser il-kawżalità"*.

(203) F'dan ir-rigward, tabilħaqq, il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni, speċjalment fl-2020 meta s-siti ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kellhom jagħlqu temporanjament. Għalhekk, huwa possibbli li l-pandemija tal-COVID-19 ikkontribwiet għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(204) Madankollu, id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien diġà beda qabel il-pandemija u kompla wara li l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kompliet fil-PI. Fil-fatt, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kompliet tiddeterjora fil-PI. Il-profittabbiltà kienet [(-7)–(-9)] % fl-2020 filwaqt li fil-PI naqset għal [(-8)–(-10)] %. Il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti segwew l-istess xejra.

(205) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-pandemija tal-COVID-19 ma kinitx biżżejjed biex tnaqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.3. *L-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni*

(206) Kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3.1 hawn fuq, filwaqt li l-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'9 % bejn l-2018 u l-PI, il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni baqa' stabbli.

(207) Eviosys u s-CISA ddikjaraw li ż-żieda fil-kost tal-materja prima, kif ukoll tal-ispejjeż tat-trasport, ikkontribwew għad-deterjorament tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Eviosys indika "effetti fuq il-prezz u l-kost" negattivi li huma karatteristiċi għall-industrija tal-azzar minħabba d-distakk ta' żmien bejn iż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima u ż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ.

(208) F'dan ir-rigward, kif spjegat fil-premessi (172) u (194) hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx taġġusta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha matul il-perjodu meqjus kollu. Din ix-xejra ġiet osservata matul perjodu twil ta' żmien u għalhekk, ma setgħetx tiġi spjegata biss biż-żieda fil-kost tal-materja prima. Din l-impossibbiltà li jiġu aġġustati l-prezzijiet tal-bejgħ tikkoinċidi fiż-żmien maż-żieda fl-importazzjonijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, wasslet għal livelli sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz, waqqgħet il-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u naqqset il-profittabbiltà.

(209) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-evoluzzjoni tal-kostijiet minnha nnifisha ma setgħetx tkun kawża tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(210) Matul il-perjodu meqjus il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppa kif ġej:

Tabella 14

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	[105 000-123 000]	[110 000-128 000]	[109 000-127 000]	[98 000-115 000]
Indiċi	*100*	*104*	*103*	*93*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	[750-880]	[760-890]	[710-840]	[720-840]
Indiċi	*100*	*101*	*95*	*94*

Sors: Eurofer għall-volumi tal-esportazzjoni u l-prezz medju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(211) Il-bejgħ għall-esportazzjoni lil klijenti mhux relatati kien jirrappreżenta 22,5 % tal-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni fil-PI. Matul il-perjodu meqjus, il-volumi tal-esportazzjoni varjaw – l-ewwel żdiedu bejn l-2018 u l-2019 b'4 % u mbagħad naqsu fl-2020 u għal darba oħra fil-PI. B'mod ġenerali, il-bejgħ għall-esportazzjoni naqas fil-perjodu meqjus b'7 %.

(212) Skont l-industrija tal-Unjoni, il-bejgħ għall-esportazzjoni jirrappreżenta l-volumi li ma setgħux jinbiegħu fis-suq tal-Unjoni. Tabilħaqq, kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (194), l-industrija tal-Unjoni jeħtieġ li żżomm il-volumi tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità għoljin u stabbli biex tkopri l-kostijiet fissi għoljin.

(213) Fil-PI, l-industrija tal-Unjoni biegħet aktar minn 75 % tal-produzzjoni tagħha fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, għalkemm it-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni seta' kkontribwixxa għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li, meta jitqies is-sehem għoli tal-bejgħ tal-Unjoni meta mqabbel mal-bejgħ għall-esportazzjoni, ma huwiex biżżejjed li titnaqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.5. *L-effett tal-kuntratti annwali*

(214) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni kien ibbażat fuq kuntratti annwali ma' klijenti li jiffissaw il-kwantitajiet u l-prezzijiet għas-sena li ġejja. L-industrija tal-Unjoni għandha marġni minimu biex iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima matul l-applikazzjoni tal-kuntratt annwali. Fil-prinċipju, l-industrija tal-Unjoni għandha tkun tista' żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha meta tinnegozja l-kuntratti għas-sena ta' wara. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (208), l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha matul il-perjodu kollu meqjus. Din ix-xejra ġiet osservata matul perjodu twil ta' żmien u, għalhekk, ma setgħetx tiġi spjegata biss permezz taż-żieda fil-kost tal-materja prima.

(215) Għalhekk, id-distakk ta' żmien bejn iż-żieda fil-kost tal-materja prima u ż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ minħabba l-kuntratti annwali ma deherx li jimpedixxi lill-industrija tal-Unjoni milli tadatta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha għall-kost tal-produzzjoni dejjem jiżdied matul il-perjodu meqjus. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-iffissar tal-prezzijiet tal-bejgħ f'kuntratti annwali ma naqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu li nstab.

5.2.6. *Konsum*

(216) Eviosys u s-CISA ddikjaraw li t-tnaqqis tas-suq tal-ECCS tal-Unjoni kkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(217) Kif imsemmi fil-premessa (139), il-konsum tal-Unjoni naqas bi [17 000–20 000] tunnellata, jiġifieri bi 3 % fil-perjodu meqjus. Madankollu, iċ-ċifri tal-bejgħ tal-Unjoni baqgħu kostanti. Għaldaqstant, aktar kienet is-soppressjoni tal-prezzijiet minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx milli telf ta' volumi minħabba tnaqqis fil-konsum li kkawżat id-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(218) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li t-tnaqqis fid-domanda tas-suq bi 3 % ma setax jitqies bħala kawża ta' dannu li jnaqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu li nstab. Konsegwentement, it-talbiet ġew miċħuda b'mod provviżorju.

5.2.7. *Konklużjoni dwar il-kawżalità*

(219) Id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kkoinċida fiż-żmien mal-volumi dejjem jiżdiedu ta' importazzjonijiet tal-ECCS mill-pajjiżi kkonċernati, li saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping li saħansitra naqsu matul il-perjodu meqjus, kif imsemmi fit-Taqsima 5.1 hawn fuq.

(220) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. L-effett tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-pandemija tal-COVID-19, l-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-effett ta' kuntratti fit-tul fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volumi ta' produzzjoni, prezzijiet tal-bejgħ u profittabbiltà kien limitat biss.

(221) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, kemm jekk individwalment jew b'mod kollettiv, ma kinux biżżejjed biex inaqqsu l-kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

6. **IL-LIVELL TAL-MIŻURI**

(222) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

(223) L-ilmentatur argumenta li jeżistu distorsjonijiet tal-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, sabiex titwettaq valutazzjoni fuq il-livell xieraq ta' miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' distorsjonijiet skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Imbagħad eżaminat jekk il-marġni tad-dumping tal-produttur esportatur inkluż fil-kampjun, li nstab li l-materja prima ewlenija tiegħu kienet soġġetta għad-distorsjoni, ikunx ogħla mill-marġni tiegħu tal-bejgħ taħt il-prezz (ara t-Taqsima 6.2 hawn taħt).

6.1. **Kalkolu tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz**

(224) Il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' distorsjonijiet skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, id-dannu jiġi eliminat jekk l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, inklużi dawk il-kostijiet li jirriżultaw mill-ftehimiet ambjentali multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u dawk tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia, u jekk tkun kapaċi tikseb profitt raġonevoli ("profitt fil-mira").

(225) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi taħt investigazzjoni u l-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni. Marġni ta' profitt bħal dan ma għandux ikun inqas minn 6 %.

(226) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset il-profitt li l-industrija tal-Unjoni kellha qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, li kien ta' [1-3] %. Peress li dan il-profitt kien inqas minn 6 %, il-Kummissjoni użat b'mod proviżorju l-profitt ta' 6 % f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

(227) Abbażi ta' dan, il-prezz mhux dannuż huwa ta' [850–990] EUR/tunnellata, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġni ta' profitt imsemmi hawn fuq ta' 6 % għall-kost tal-produzzjoni matul il-PI tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(228) Bħala t-tieni pass, f'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament bażiku li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod proviżorju kost futur addizzjonali ta' [10–20] EUR/tunnellata. Dan il-kost addizzjonali żdied mal-prezz mhux dannuż imsemmi fil-premessa (227).

(229) Dawn il-kostijiet kienu jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) il-kostijiet futuri addizzjonali biex tiġi żgurata l-konformità mal-Iskema tal-Unjoni għan-Negozjar ta' Emissjonijiet ("ETS") kemm f'termini ta' kost tax-xiri tal-permessi tal-emissjonijiet kif ukoll ta' kostijiet futuri indiretti marbuta mal-ETS relatati max-xiri tal-elettriku

(230) Il-politika tal-ETS hija pedament tal-politika tal-Unjoni biex jintlaħqu l-obbligi ambjentali tal-Ftehim ta' Pariġi ([47]) u għodda ewlenija għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Dawn il-kostijiet addizzjonali għax-xiri ta' permessi ġew ikkalkulati abbażi tal-medja tal-Kwoti ta' Emissjonijiet (EUA) addizzjonali stmati li se jkollhom jinxtraw matul il-perjodu tal-ħajja tal-miżuri. Il-kwoti ta' emissjonijiet użati fil-kalkolu ma qisux il-kwoti riċevibbli mingħajr ħlas u, bħall-kostijiet kollha tal-produzzjoni, kienu vverifikati sabiex jiġi żgurat li kienu allokati korrettement għall-prodott li qed jiġi investigat. Il-kostijiet tal-EUAs ġew estrapolati sabiex titqies il-varjazzjoni mistennija fil-prezzijiet matul il-ħajja tal-miżuri. Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet previsti tal-kwoti tal-ETS bl-użu ta' estrazzjoni mill-Bloomberg New Energy Finance bid-data tal-10 ta' Frar 2022. Il-prezz medju previst għall-EUAs għal dan il-perjodu huwa ta' 71,3 EUR/tunnellata ta' CO_2 prodott.

(231) Fil-każ tal-kostijiet futuri relatati max-xiri tal-elettriku, il-Kummissjoni qieset l-evoluzzjoni futura tal-kost tal-emissjonijiet tas-CO_2 relatat mal-konsum tal-elettriku. Meta kkalkulat il-kost futur, il-Kummissjoni qieset kif xieraq kwalunkwe kumpens riċevut mill-produtturi tal-Unjoni. Sabiex tiddetermina l-kost futur tas-CO_2, il-Kummissjoni użat il-prezzijiet imbassra fl-estrazzjoni minn Bloomberg New Energy Finance msemmija fil-premessa (231).

(b) kost futur li jirriżulta minn investimenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2

(232) Il-politika tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 hija konformi wkoll mal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi. Sabiex jiġu kkalkolati l-kostijiet futuri, il-Kummissjoni qieset il-kost futur addizzjonali tat-termini tad-deprezzament ta' tali investimenti.

([47]) Il-Ftehim ta' Pariġi huwa ftehim fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

(233) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkulat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti taħt l-Artikolu 7(2d) skont it-tip. Il-Kummissjoni għadha qed tanalizza l-informazzjoni fil-fajl b'rabta mal-investimenti li jistgħu jkunu rilevanti skont l-Artikolu 7(2c) u/jew 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(234) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fil-pajjiżi kkonċernati, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz mhux dannuż medju ponderat tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet. Għall-kumpaniji oħrajn li kkooperaw barra mill-kampjun fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni użat il-medja ponderata tal-marġnijiet taż-żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun.

Pajjiż	Kumpanija	Il-marġni tad-dumping provviżorju	Marġni proviżorju tal-bejgħ taħt il-prezz
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd	43,3 %	33,2 %
	Handan Jintai Packing Material Co., Ltd.	53,9 %	23,7 %
	Kumpaniji oħra li kkooperaw	45,1 %	31,6 %
Il-Brażil	Companhia Siderúrgica Nacional	66,8 %	52,0 %

6.2. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni b'rabta mar-RPĊ**

(235) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien meħtieġ li jiġi vvalutat jekk hemmx distorsjonijiet fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat fis-sens tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, li jrendi dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping insuffiċjenti biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott li qed jiġi investigat.

(236) Kif spjegat fin-Notifika ta' Bidu, l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza li fir-RPĊ jista' jkun hemm distorsjonijiet fil-materja prima rigward il-prodott li qed jiġi investigat. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat l-allegati distorsjonijiet biex tivvaluta jekk dazju inferjuri għall-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jelimina d-dannu.

(237) Skont l-evidenza fl-ilment, l-azzar ċatt illaminat bis-sħana, li jammonta għal parti sinifikanti mill-kost tal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat, kien soġġett għal rifużjoni tal-VAT fiċ-Ċina.

(238) Għalhekk, kif imħabbar fin-Notifika ta' Bidu, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat l-impatt tad-distorsjonijiet tal-materja prima fuq il-produzzjoni tal-ECCS fiċ-Ċina.

(239) Il-Kummissjoni nnotat li wieħed mill-produtturi Ċiniżi fil-kampjun, Jintai, akkwista kojls illaminati bis-sħana, mentri l-ieħor, Baosteel, ma wettaqx tali akkwisti. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni fl-istadju proviżorju ffukat fuq kojls illaminati bis-sħana f'konformità mad-distorsjonijiet tal-materja prima deskritti fl-ilment, imma se tkompli l-investigazzjoni, anki fir-rigward ta' distorsjonijiet possibbli oħra tal-materja prima skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

(240) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-kojls illaminati bis-sħana kienu jirrappreżentaw aktar minn 17 % tal-kost tal-produzzjoni għal Jintai. Għall-fini ta' dan il-kalkolu, fil-fażi proviżorja ntuża prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif stabbilit fil-Brażil.

(241) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-prezz tal-kojls illaminati bis-sħana kienx distort minn waħda mill-miżuri elenkati fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat il-bażijiet tad-*data* dwar il-VAT fuq l-esportazzjoni u r-rati ta' rifużjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-tħabbira relatata tal-Ministeru tal-Finanzi Ċiniż u l-Amministrazzjoni tal-Istat tat-Tassazzjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-kojls illaminati bis-sħana ilhom soġġetti għal rifużjoni tal-VAT mill-inqas mill-2019.

(242) Sussegwentement, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet tal-kojls illaminati bis-sħana fiċ-Ċina mal-prezzijiet fis-swieq internazzjonali rappreżentattivi. Fil-fażi proviżorja, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet imħallsa mill-kumpanija Jintai mal-prezzijiet tal-Metal Bulletin għall-kojls illaminati bis-sħana għal swieq differenti, inkluż mill-fabbrika fil-Brażil, billi dawn kienu meqjusa b'mod proviżorju li huma konformi mal-prezzijiet fis-swieq internazzjonali rappreżentattivi. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet fis-swieq internazzjonali rappreżentattivi kienu [10–30] %–[30–50] % ogħla milli fil-pajjiż ikkonċernat, li kien meqjus sinifikanti.

(243) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-kojls illaminati bis-sħana kienu soġġetti għal distorsjoni sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **L-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku**

(244) F'konformità mal-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont ta' dazji proviżorji f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' Jintai biss. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-informazzjoni pertinenti kollha għal din l-investigazzjoni, inklużi l-kapaċitajiet żejda fil-pajjiż esportatur, il-kompetizzjoni għall-materja prima u l-effett fuq il-ktajjen ta' provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni.

7.1.1. *Kapaċitajiet żejda fil-pajjiż esportatur*

(245) L-ilmentaturi vvalutaw il-kapaċità domestika Ċiniża għall-ECCS għal madwar 990 000 tunnellata u l-produzzjoni tal-ECCS għal madwar 650 000 tunnellata fl-2018 ([48]). Dan ifisser użu stmat tal-kapaċità ta' 66 %. Minbarra dan, għaż-żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun l-utilizzazzjoni tal-kapaċità kienet ta' [70–90] % bħala medja. Din hija ogħla mill-istima tal-ilmentaturi għall-pajjiż kollu. Anke jekk il-kapaċità ta' riżerva medja taż-żewġ kumpaniji inklużi fil-kampjun (jiġifieri [10–30] %) tiġi estrapolata għall-pajjiż ikkonċernat, il-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina tammonta għal madwar [100 000-300 000] tunnellata, li jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-konsum tal-Unjoni matul il-PI.

(246) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti kapaċità ta' riżerva sinifikanti fiċ-Ċina u li, jekk tintuża, din il-kapaċità ta' riżerva kellha l-potenzjal li żżid il-provvista globali tal-prodott li qed jiġi investigat, tnaqqas il-prezzijiet u konsegwentement timmina l-effettività tal-miżura jekk ma tiġix stabbilita fil-livell tad-dumping.

7.1.2. *Kompetizzjoni għal materja prima*

(247) Ġeneralment, is-settur globali tal-azzar huwa settur b'kapaċità eċċessiva sinifikanti, l-aktar minħabba l-politika industrijali taċ-Ċina. Il-prodotti tal-azzar huma disponibbli b'mod wiesa' fis-suq kemm fl-UE kif ukoll fiċ-Ċina.

(248) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-prezz tal-kojls illaminati bis-sħana fiċ-Ċina kien ferm aktar baxx mill-prezz tal-kojls illaminati bis-sħana fi swieq internazzjonali rappreżentattivi (ara l-premessa (242)). Dan joħloq żvantaġġ komparattiv għall-industrija tal-Unjoni meta mqabbla mal-produtturi esportaturi fiċ-Ċina. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, filwaqt li l-kojls illaminati bis-sħana huma disponibbli għall-industrija tal-Unjoni, huma disponibbli bi prezz ogħla milli għall-kompetituri tagħha fiċ-Ċina. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni tinsab f'pożizzjoni żvantaġġata *vis-à-vis* l-produtturi esportaturi Ċiniżi.

([48]) Ilment Kontra d-Dumping tat-12 ta' Awwissu 2021, par. 32.

7.1.3. *L-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni*

(249) Kif spjegat fil-premessi (262) u (263) hawn taħt, l-industrija tal-Unjoni għandha biżżejjed kapaċità biex tkopri d-domanda totali tal-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat.

(250) Fl-aħħar nett, l-utenti tal-Unjoni jistgħu jġibu l-prodott li qed jiġi investigat minn pajjiżi terzi oħra. Il-volum totali tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqas bi 23 % matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li s-sehem mis-suq tagħhom naqas b'21 %. B'mod partikolari, il-bejgħ mill-Korea t'Isfel naqas minn [11 600-13 600] tunnellata fl-2018 għal [4 700-5 500] tunnellata fil-PI, jiġifieri b'60 %. Fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra jiżdiedu, peress li l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni jkunu aktar attraenti.

(251) Għalhekk, l-utenti jkollhom aċċess suffiċjenti għall-ECCS anke f'każ li l-importazzjonijiet miċ-Ċina jonqsu minħabba d-dazju ogħla. Konsegwentement, ma huwiex mistenni tfixkil tal-ktajjen tal-valur tal-utenti tal-Unjoni.

7.1.4. *Konklużjoni tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku*

(252) Wara li vvalutat l-informazzjoni pertinenti kollha għal din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa fl-interess tal-Unjoni li jiġi ddeterminat l-ammont ta' dazji provviżorji fir-rigward ta' Handan Jintai Packing Material Co., Ltd f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

(253) Fid-dawl tal-analiżi stabbilita hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, huwa fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi l-livell tad-dazji proviżorji abbażi tal-livell ta' dumping, bla ħsara għal kunsiderazzjonijiet ulterjuri stabbiliti fit-Taqsima 7.2 ta' hawn taħt fil-kuntest tal-Artikolu 21.

7.2. **L-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku**

(254) Wara li vvalutat l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

7.2.1. *L-interess tal-industrija tal-Unjoni*

(255) L-effett tal-miżuri kontra d-dumping se jkun pożittiv għall-produtturi tal-Unjoni, peress li l-miżuri se jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tadatta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni terġa' lura għal sitwazzjoni sostenibbli, li tippermettilha tagħmel investimenti futuri, b'mod partikolari biex tikkonforma mar-rekwiżiti ambjentali u soċjali.

(256) Fin-nuqqas ta' miżuri, l-industrija tal-Unjoni se tkompli ssofri dannu materjali u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, b'mod partikolari f'termini ta' profittabbiltà, redditu fuq l-investimenti u fluss tal-flus, hija mistennija li tkompli tmur għall-agħar, u b'hekk thedded il-vijabbiltà tagħha.

7.2.2. *L-interess tal-utenti u tal-importaturi u negozjanti mhux relatati*

(257) L-ECCS jintuża l-aktar fil-produzzjoni tal-imballaġġ tal-ikel bħal laned tal-ikel.

(258) Utent wieħed biss, jiġifieri Eviosys, ipprovda tweġiba għall-kwestjonarju. Huwa l-akbar produttur tal-imballaġġ tal-ikel fl-Unjoni u għalhekk, l-aktar utent importanti tal-prodott li qed jiġi investigat.

(259) Barra minn hekk, Konsorzju ta' sitt negozjanti u utenti kif ukoll żewġ utenti oħra ma pprovdewx tweġibiet għall-kwestjonarju iżda għamlu sottomissjonijiet dwar id-dannu u l-interess tal-Unjoni u opponew l-adozzjoni ta' miżuri anti-dumping.

(260) L-utenti u n-negozjanti semmew l-argumenti li ġejjin.

(261) L-ewwel nett, huma affermaw li l-produtturi tal-Unjoni għandhom diffikultajiet biex jiżguraw kwantitajiet suffiċjenti ta' ECCS, speċjalment wara Brexit li eskluda lil Tata Steel mill-industrija tal-Unjoni. Huma affermaw ulterjorment li l-industrija tal-Unjoni għandha t-tendenza tesporta l-biċċa l-kbira tal-produzzjoni tagħha (madwar 50 %) lejn pajjiżi terzi filwaqt li allegaw li l-bejgħ tal-esportazzjoni huwa aktar profittabbli mill-bejgħ tal-Unjoni. Għalhekk, l-impożizzjoni ta' miżuri kontra l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, li jammontaw għal nofs l-importazzjonijiet totali, tfixkel il-katina tal-provvista tal-utenti tal-Unjoni u s-sorsi l-ġodda tal-provvista jistgħu ma jkunux affidabbli.

(262) Fil-PI, il-konsum totali tal-Unjoni tal-ECCS kien ta' [505 000-591 000] tunnellata. Il-kapaċità totali tal-industrija tal-Unjoni kienet ta' [581 000-680 000] tunnellata. Il-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni kienet ta' [439 000-513 000] tunnellata u l-bejgħ tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fil-PI kien ta' [98 000-115 000] tunnellata filwaqt li l-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien ta' [78 000-91 000] tunnellata. Dawn iċ-ċifri juru li l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti biex tkopri d-domanda totali tal-Unjoni tal-ECCS.

(263) Konsegwentement, id-dikjarazzjonijiet tal-utenti tal-Unjoni dwar in-nuqqas ta' ECCS fis-suq tal-Unjoni minħabba kapaċità insuffiċjenti tal-industrija tal-Unjoni, jew li nofs il-produzzjoni tal-Unjoni ġiet esportata, ma jidhrux li huma fondati sew.

(264) It-tieni, xi utenti argumentaw li l-impożizzjoni tad-dazji żżid b'mod sinifikanti l-kost tal-produzzjoni tagħhom, u li ma jistgħux jgħaddu dawn iż-żidiet fil-prezzijiet lill-klijenti tagħhom. Dawn argumentaw li l-prezz huwa fattur predominanti fis-suq downstream, u li l-miżuri għalhekk ikollhom impatt serju fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom. Il-kompetizzjoni minn utenti li jinsabu f'pajjiżi terzi li jistgħu jiksbu ECCS orħos li ma jkunx soġġett għal dazji anti-dumping taffettwa ulterjorment lill-utenti tal-Unjoni. Barra minn dan, skont Eviosys, iż-żieda fil-prezzijiet tal-imballaġġ tal-ikel ikollha l-effett li żżid aktar il-prezzijiet tal-ikel, b'mod partikolari taffettwa unitajiet domestiċi bi dħul aktar baxx li jiddependu aktar fuq ikel fil-laned.

(265) L-utenti u n-negozjanti tal-Unjoni diġà jiksbu madwar 70 % tal-ħtiġijiet tal-ECCS tagħhom mill-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kellhom sehem mis-suq ta' [14-16] % fis-suq tal-Unjoni fil-PI u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra għandhom prezz simili ħafna għall-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Abbażi tad-*data* ta' Eviosys, l-uniku utent li pprovda tweġiba għall-kwestjonarju, deher li kien se jkun jista' jassorbi żieda possibbli fil-kost meta titqies il-profittabbiltà attwali tiegħu mill-bejgħ ta' prodotti li jużaw l-ECCS u s-sehem tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fil-portafoll ta' provenjenza tiegħu. Għalhekk, it-talba ġiet irrifjutata provviżorjament.

(266) Fir-rigward tal-effett possibbli fuq il-prezzijiet tal-ikel, Eviosys ma ssostanzjatx l-affermazzjoni tagħha li turi li ż-żieda fil-prezzijiet tal-ECCS tirriżulta f'żieda fil-prezzijiet tal-imballaġġ tal-ikel u fl-aħħar mill-aħħar f'żieda fil-prezzijiet tal-oġġetti tal-ikel, jew li tali żieda potenzjali tkun fl-istess proporzjon taż-żieda fil-prezzijiet tal-ECCS. Barra minn hekk, l-ECCS jintuża biss għal truf tal-laned tal-ikel, filwaqt li pjanċa stanjata, li hija aktar għalja, tintuża għall-bqija tal-laned. Fl-aħħar nett, kif spjegat fil-premessa (265) hawn fuq, l-utent se jkun jista' jassorbi ż-żieda possibbli fil-kostijiet minħabba l-miżuri. Għalhekk, kwalunkwe żieda potenzjali fil-prezzijiet tal-ECCS waħedha x'aktarx li ma taffettwax il-prezzijiet tal-imballaġġ tal-ikel, u jekk iva b'mod żgħir ħafna biss. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet b'mod provviżorju dan l-argument.

(267) It-tielet, Eviosys u s-CISA affermaw li s-suq tal-ECCS tal-Unjoni huwa kkaratterizzat minn duwopolju fejn l-għażla tal-prodott u s-setgħa ta' negozjar tal-utenti downstream ikunu mhedda mill-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping u rreferew għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-fużjoni msemmija fil-premessa (195).

(268) F'dan ir-rigward, kif spjegat fil-premessa (196), il-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'każijiet ta' fużjoni ssegwi objettivi differenti. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni ċċitata kellha kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ferm usa' mill-ECCS u kienet tinkludi għadd ta' prodotti oħra tal-azzar, bħall-pjanċa stanjata, u l-analiżi tal-importazzjonijiet li saret f'din id-deċiżjoni kienet tikkonċerna perjodu qabel il-perjodu meqjus. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(269) Fl-aħħar nett, żewġ utenti oħra u s-CISA indikaw il-miżuri ta' salvagwardja eżistenti fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar, inkluż l-ECCS, li diġà jipproteġu biżżejjed lill-industrija tal-Unjoni u argumentaw li l-kwoti għall-importazzjonijiet miċ-Ċina ma ntużawx sal-massimu. Huma affermaw ulterjorment li fl-2020 u fl-2021 il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu simili ħafna għall-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni wara żieda minħabba l-kost ogħla tat-trasport u l-abolizzjoni tar-rifużjoni tal-VAT ta' 13 % tal-esportazzjonijiet tal-ECCS fiċ-Ċina.

(270) F'dan ir-rigward, il-miżuri ta' salvagwardja ma għandhomx bħala għan u ma jistgħux jipproteġu kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina żdiedu bi 2,8 % fil-PI meta mqabbla mal-2020, dawn kienu għadhom aktar baxxi b'[7,5-20,7] % meta mqabbla mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni fil-PI. Għalhekk, iż-żieda fil-kost tat-trasport u t-tneħħija tar-rifużjoni tal-VAT ta' 13 % tal-esportazzjonijiet tal-ECCS fiċ-Ċina ddikjarati mill-utenti ma jidhrux li neħħew id-dumping. Għalhekk, it-talbiet ġew irrifjutati provviżorjament.

(271) Is-CISA talbet ukoll lill-Kummissjoni biex teżamina l-iżviluppi ta' wara l-PI. F'dan ir-rigward, fil-31 ta' Marzu 2022 is-CISA ressqet kummenti dwar l-iżviluppi ta' wara l-PI u dwar il-konsegwenza ta' miżuri possibbli għall-industriji downstream tal-UE.

(272) Dawn il-kummenti waslu wara l-iskadenza għall-kummenti stabbilita fin-notifika ta' bidu u se jiġu ttrattati fi stadju definittiv.

7.2.3. *Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni*

(273) L-effetti tal-miżuri fuq il-produtturi tal-Unjoni jkunu pożittivi. Ir-riskji ta' impatt negattiv potenzjali fuq l-utenti u importaturi/kummerċjanti mhux relatati, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista, jittaffew mill-kapaċità disponibbli libera tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll mill-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra. Ir-restawr ta' kompetizzjoni ġusta u ta' kundizzjonijiet ekwivalenti, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping, ikun ta' benefiċċju għall-iżvilupp b'saħħtu tas-suq ġenerali u jippermetti lill-industrija tal-Unjoni tikkonforma mal-kostijiet li jirriżultaw mill-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont ftehimiet internazzjonali.

(274) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-ECCS li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. IL-MIŻURI PROVVIŻORJI KONTRA D-DUMPING

(275) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji biex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(276) Skont il-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping proviżorji qed jiġu ffissati fil-livell tal-marġni tad-dannu għal Baoshan Iron & Steel Co., Ltd. u Companhia Siderúrgica Nacional, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

(277) F'dak li jirrigwarda lil Handan Jintai Packing Material Co., Ltd, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti biex jitneħħa d-dannu. Wara li sabet distorsjonijiet fil-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fis-sens tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fil-forma ta' rifużjonijiet tal-VAT għall-kojls illaminati bis-sħana, il-Kummissjoni kkonkludiet li jkun fl-interess tal-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku, li tistabbilixxi l-ammont tad-dazju fil-livell tal-marġni tad-dumping, billi dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ma jkunx biżżejjed biex jindirizza d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(278) Id-dazju proviżorju għall-kumpaniji l-oħra mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw fir-RPĊ huwa bbażat fuq il-marġni tad-dannu medju ponderat kif stabbilit hawn fuq għaż-żewġ kumpaniji fil-kampjun fir-RPĊ, li huwa aktar baxx mill-marġnijiet medji ponderati ta' dumping għaż-żewġ kumpaniji inklużi fil-kampjun fir-RPĊ.

(279) Minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni mill-produtturi fir-RPĊ u l-fatt li l-livell ta' dazju għal Jintai kien ibbażat fuq il-marġni ta' dumping li nstab f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-livell tad-dazju għall-pajjiż kollu kien ibbażat fuq l-ogħla marġnijiet tad-dumping li nstabu għal kull tip ta' prodott mibjugħ fi kwantitajiet rappreżentattivi minn Jintai. Il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tikkalkula l-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz jew tad-dannu fir-rigward tal-kumpaniji li ma kkooperawx minħabba s-sejbiet ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 7(2a).

(280) Il-kooperazzjoni fil-Brażil kienet għolja u b'riżultat ta' dan, id-dazju residwu huwa stabbilit fl-istess livell bħal dak applikabbli għal Companhia Siderúrgica Nacional.

(281) Id-dettalji huma pprovduti fit-tabella ta' hawn taħt. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati proviżorji tad-dazju anti-dumping (elenkati fl-aħħar kolonna), espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Il-marġni tad-dumping provviżorju	Marġni provviżorju tad-dannu	Id-dazju anti-dumping provviżorju
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd	43,3 %	33,2 %	33,2 %
	Handan Jintai Packing Material Co., Ltd.	53,9 %	53,9 %	53,9 %
	Kumpaniji oħra li kkooperaw	45,1 %	36,7 %	36,7 %
	Kumpaniji l-oħra kollha	77,9 %	77,9 %	77,9 %
Il-Brażil	Companhia Siderúrgica Nacional	66,8 %	52,0 %	52,0 %
	Kumpaniji l-oħra kollha	66,8 %	52,0 %	52,0 %

(282) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u prodott mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għal ebda rata individwali ta' dazju anti-dumping.

(283) Sabiex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħra kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda anke għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(284) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, hemm bżonn ta' miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(285) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(286) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVVIŻORJU**

(287) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fil-25 ta' April 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol biex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom. Wara l-kummenti li rċeviet, il-Kummissjoni għamlet korrezzjonijiet għall-kalkoli fejn kien xieraq.

10. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(288) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni fi żmien skadenza fissa. Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu wkoll seduta mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali.

(289) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti laminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar bil-karbonju, miksi bl-ossidi tal-kromu jew bil-kromu u b'ossidi tal-kromu, deskritti wkoll bħala prodotti tal-azzar miksija bil-kromu elettrolitiku, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7210 50 00 u 7212 50 20 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Brażil.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Id-dazju anti-dumping provviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd	33,2 %	C039
	Handan Jintai Packing Material Co., Ltd.	53,9 %	C862
	Kumpaniji oħra li kkooperaw: GDH Zhongyue (Zhongshan) Tinplate Industry Co.,Ltd. Shougang Jingtang United Iron & Steel Co., Ltd.	36,7 %	C137

	Kumpaniji l-oħra kollha	77,9 %	C999
Il-Brażil	Companhia Siderúrgica Nacional	52,0 %	C212
	Kumpaniji l-oħra kollha	52,0 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija shiha u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar dan ir-regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Smigħ jista' jeżamina t-talbiet sottomessi wara din l-iskadenza u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn it-talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN